ISSN 1725-5104

# Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea L 151

Edizzjoni bil-Malti Leġiżlazzjoni

Volum 51
11 ta' Ġunju 2008

Werrej

I *Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja*

REGOLAMENTI

Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 515/2008 ta' l-10 ta' Ġunju 2008 li jistabbilixxi l-valuri fissi ta' l-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix ...................... 1

★ **Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 516/2008 ta' l-10 ta' Ġunju 2008 li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1200/2005, (KE) Nru 184/2007, (KE) Nru 243/2007, (KE) Nru 1142/2007, (KE) Nru 1380/2007 u (KE) Nru 165/2008 fir-rigward tat-termini ta' l-awtorizzazzjoni ta' ċerti addittivi għal użu ta' nutriment għall-annimali** [1] ............................................. 3

★ **Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 517/2008 ta' l-10 ta' Ġunju 2008 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 850/98 fir-rigward tad-determinazzjoni tad-daqs tal-malja u l-assessjar tal-ħxuna ta' l-ispag tax-xbieki tas-sajd** ....... 5

★ **Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 518/2008 ta' l-10 ta' Ġunju 2008 li jiddefinixxi, għas-sena tas-suq 2007/2008, l-ammont ta' l-għajnuna għall-ħżin taż-żbib u t-tin imqadded mhux ipproċessat** ........................................................................... 26

★ **Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 519/2008 ta' l-10 ta' Ġunju 2008 li japprova emendi minuri lill-ispeċifikazzjonijiet ta' denominazzjoni elenkata fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti ta' oriġini u ta' l-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti (Volailles de Loué (IĠP))** ......... 27

★ **Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 520/2008 tad-9 ta' Ġunju 2008 li jipprojbixxi s-sajd għar-roundnose grenadier fiż-żoni Vb, VII u VII ta' l-ICES (ilmijiet tal-Komunità u ilmijiet li mhumiex taħt is-sovranità jew il-ġurisdizzjoni ta' pajjiżi terzi) min-naħa ta' bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Spanja** .................................................................... 31

[1] Test b'relevanza għaż-ŻEE

*(Ikompli fil-paġna ta' wara)*



MT

L-Atti b'titoli b'tipa ċara relatati mal-ġestjoni ta' kuljum ta' affarijiet agrikoli, u li ġeneralment huma validi għal perjodu limitat.

It-titoli ta' l-atti l-oħra kollha huma stampati b'tipa skura u mmarkati b'asterisk quddiemhom.

II *Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja*

DEĊIŻJONIJIET

**Kunsill u Kummissjoni**

2008/429/KE, Euratom:

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill u l-Kummissjoni tas-26 ta' Mejju 2008 dwar il-konklużjoni tal-Protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija u Koperazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa waħda u r-Repubblika ta' l-Armenja min-naħa l-oħra, biex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija ma' l-Unjoni Ewropea** .............................. 33

2008/430/KE, Euratom:

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill u l-Kummissjoni tas-26 ta' Mejju 2008 dwar il-konklużjoni tal-Protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija u Koperazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa waħda, u l-Ġeorġja, min-naħa l-oħra, biex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija fl-Unjoni Ewropea** ................................................. 35

**Kunsill**

2008/431/KE:

★ **Deċiżjoni tal-Kunsill tal-5 ta' Ġunju 2008 li tawtorizza lil ċerti Stati Membri li jirratifikaw, jew jaderixxu ma', fl-interess tal-Komunità Ewropea, Konvenzjoni ta' l-Aja ta' l-1996 dwar il-Ġurisdizzjoni, il-Liġi Applikabbli, ir-Rikonoxximent, l-Infurzar u l-Kooperazzjoni fir-rigward tar-Responsabbiltà tal-Ġenituri u Miżuri għall-Protezzjoni tat-Tfal u li tawtorizza lil ċerti Stati Membri li jagħmlu dikjarazzjoni dwar l-applikazzjoni tar-regoli interni rilevanti tal-liġi Komunitarja** .......................................................................................................... 36

**Konvenzjoni fuq il-Ġurisdizzjoni, il-Liġi Applikabbli, Rikonoxximent, Infurzar u Kooperazzjoni dwar ir-Responsabbiltà tal-Ġenituri u Miżuri għall-Protezzjoni tat-Tfal** ........................................ 39

**Kummissjoni**

2008/432/KE:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-23 ta' Mejju 2008 li temenda d-Deċiżjoni 2006/771/KE dwar l-armonizzazzjoni ta' l-ispettru tar-radju għal użu ma' tagħmir għal meded qosra (titlu mhux uffiċjali)** *(notifikata taħt id-dokument numru C(2008) 1937)* ([1]) ....................................... 49

2008/433/KE:

★ **Deċiżjoni tal-Kummissjoni ta' l-10 ta' Ġunju 2008 li timponi kundizzjonijiet speċjali li jirregolaw l-importazzjoni ta' żejt tal-ġirasol li joriġina jew li jiġi kkunsinjat mill-Ukraina minħabba riskji ta' kontaminazzjoni miż-żejt minerali** *(notifikata taħt id-dokument numru C(2008) 2709)* ([1]) .. 55

MT

([1]) Test b'relevanza għaż-ŻEE

I

*(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom hija obbligatorja)*

# REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 515/2008

**ta' l-10 ta' Ġunju 2008**

**li jistabbilixxi l-valuri fissi ta' l-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1580/2007 tal-21 ta' Diċembru 2007 dwar regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolamenti tal-Kunsill (KE) Nru 2200/96, (KE) Nru 2001/96 u (KE) Nru 1182/2007 fis-settur tal-frott u ħxejjex [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 138(1) tiegħu,

Billi:

(1) Fl-applikazzjoni tal-konklużjonijiet tan-negozjati kummerċjali multilaterali tal-Laqgħa ta' l-Urugwaj, il-Regolament (KE) Nru 1580/2007 jistipula l-kriterji għall-istabbiliment mill-Kummissjoni tal-valuri fissi ta' l-importazzjoni minn pajjiżi terzi, għall-prodotti u għall-perjodi msemmijin fl-Anness tiegħu.

(2) Fl-applikazzjoni tal-kriterji msemmija hawn fuq, il-valuri fissi ta' l-importazzjoni għandhom ikunu ffissati fil-livelli msemmija fl-Anness ta' dan ir-Regolament,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-valuri fissi ta' l-importazzjoni msemmija fl-Artikolu 138 tar-Regolament (KE) Nru 1580/2007 huma stabbiliti kif inhu indikat fit-tabella ta' l-Anness.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-11 ta' Ġunju 2008.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 10 ta' Ġunju 2008.

*Għall-Kummissjoni*

Jean-Luc DEMARTY

*Direttur Ġenerali għall-Agrikoltura u l-Iżvilupp Rurali*

---

[1] ĠU L 350, 31.12.2007, p. 1.

*ANNESS*

**tar-Regolament ta' l-Kummissjoni ta' l-10 ta' Ġunju 2008 li jistabbilixxi l-valuri fissi ta' l-importazzjoni għad-determinazzjoni tal-prezz ta' dħul ta' ċertu frott u ħaxix**

*(EUR/100 kg)*

| Kodiċi NM | Kodiċi tal-pajjiż terz [1] | Valur fiss ta' l-importazzjoni |
|---|---|---|
| 0702 00 00 | MA | 60,9 |
| | MK | 36,7 |
| | TR | 67,5 |
| | ZZ | 55,0 |
| 0707 00 05 | JO | 162,5 |
| | MK | 23,0 |
| | TR | 118,6 |
| | ZZ | 101,4 |
| 0709 90 70 | TR | 103,8 |
| | ZZ | 103,8 |
| 0805 50 10 | AR | 125,8 |
| | EG | 150,8 |
| | TR | 129,5 |
| | US | 176,3 |
| | ZA | 143,1 |
| | ZZ | 145,1 |
| 0808 10 80 | AR | 100,9 |
| | BR | 84,9 |
| | CL | 98,0 |
| | CN | 87,2 |
| | MK | 50,7 |
| | NZ | 106,4 |
| | US | 125,6 |
| | UY | 152,2 |
| | ZA | 85,6 |
| | ZZ | 99,1 |
| 0809 10 00 | TR | 195,6 |
| | US | 317,3 |
| | ZZ | 256,5 |
| 0809 20 95 | TR | 492,1 |
| | US | 400,6 |
| | ZZ | 446,4 |

[1] In-nomenklatura tal-pajjiżi ffissata mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1833/2006 (ĠU L 354, 14.12.2006, p. 19). Il-kodiċi "ZZ" jirrappreżenta "oriġini oħra".

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 516/2008

## ta' l-10 ta' Ġunju 2008

## li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 1200/2005, (KE) Nru 184/2007, (KE) Nru 243/2007, (KE) Nru 1142/2007, (KE) Nru 1380/2007 u (KE) Nru 165/2008 fir-rigward tat-termini ta' l-awtorizzazzjoni ta' ċerti addittivi għal użu ta' nutriment għall-annimali

**(Test b'relevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1831/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Settembru 2003 fuq l-addittivi għall-użu fl-għalf ta' l-annimali [1], u partikolarment l-Artikolu 13(3) tiegħu,

Billi:

(1) BASF Aktiengesellschaft baghtet applikazzjoni skond l-Artikolu 13(3) tar-Regolament (KE) Nru 1831/2003 fejn tipproponi li jinbidel isem id-detentur ta' l-awtorizzazzjoni fir-rigward tar-Regolamenti tal-Kummissjoni (KE) Nru 1200/2005 [2], (KE) Nru 184/2007 [3], (KE) Nru 243/2007 [4], (KE) Nru 1142/2007 [5], (KE) Nru 1380/2007 [6] u r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 165/2008 [7].

(2) Dawn ir-Regolamenti jawtorizzaw l-użu ta' ċerti addittivi. L-awtorizzazzjoni hija marbuta mad-detentur ta' l-awtorizzazzjoni. Fil-każijiet kollha d-detentur ta' l-awtorizzazzjoni huwa BASF Aktiengesellschaft.

(3) L-applikant isostni li BASF Aktiengesellschaft inbidel għal BASF SE b'effett mill-14 ta' Jannar 2008 u li BASF SE hija l-istess intrapriża u issa hija l-proprjetarja tad-drittijiet ta' kummerċjalizzazzjoni għal dawn l-addittivi. L-applikant bagħat dokumenti xierqa li jappoġġjaw il-pretensjonijiet tiegħu.

(4) Il-bidla proposta tat-termini ta' l-awtorizzazzjonijiet hija purament amministrattiva fin-natura tagħha u ma tirrikjedix valutazzjoni mill-ġdid ta' l-addittivi kkonċernati. L-Awtorità Ewropea għas-Sigurtà fl-Ikel ġiet infurmata bl-applikazzjoni.

(5) Biex l-applikant jisfrutta d-drittijiet ta' kummerċjalizzazzjoni tiegħu taħt l-isem BASF SE mill-14 ta' Jannar 2008, hemm bżonn li jinbidlu t-termini ta' l-awtorizzazzjonijiet b'effett minn din id-data.

(6) Ir-Regolamenti (KE) Nru 1200/2005, (KE) Nru 184/2007, (KE) Nru 243/2007, (KE) Nru 1142/2007 u (KE) Nru 1380/2007 għandhom għalhekk ikunu emendati skond dan.

(7) Huwa xieraq li jiġi stipulat perjodu tranżitorju li matulu l-ħażniet eżistenti jkunu jistgħu jintużaw kollha.

(8) Il-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti għall-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

1. Fl-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 1200/2005, fil-kolonna 2 ta' l-annotazzjoni għal 1, il-kliem "BASF Aktiengesellschaft" jinbidlu bil-kliem "BASF SE".

2. Fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 184/2007, fil-kolonna 2 ta' l-annotazzjoni għal 4d800, il-kliem "BASF Aktiengesellschaft" jinbidlu bil-kliem "BASF SE".

3. Fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 243/2007, fil-kolonna 2 ta' l-annotazzjoni għal 4a1600, il-kliem "BASF Aktiengesellschaft" jinbidlu bil-kliem "BASF SE".

4. Fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1142/2007, fil-kolonna 2 ta' l-annotazzjoni għal 4a1600, il-kliem "BASF Aktiengesellschaft" jinbidlu bil-kliem "BASF SE".

5. Fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 1380/2007, fil-kolonna 2 ta' l-annotazzjoni għal 4a62, il-kliem "BASF Aktiengesellschaft" jinbidlu bil-kliem "BASF SE".

6. Fl-Anness tar-Regolament (KE) Nru 165/2008, fil-kolonna 2 ta' l-annotazzjoni għal 4a1600, il-kliem "BASF Aktiengesellschaft" jinbidlu bil-kliem "BASF SE".

(1) ĠU L 268, 18.10.2003, p. 29. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 378/2005 (ĠU L 59, 5.3.2005, p. 8).
(2) ĠU L 195, 27.7.2005, p. 6. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1445/2006 (ĠU L 271, 30.9.2006, p. 22).
(3) ĠU L 63, 1.3.2007, p. 1.
(4) ĠU L 73, 13.3.2007, p. 4.
(5) ĠU L 256, 2.10.2007, p. 20.
(6) ĠU L 309, 27.11.2007, p. 21.
(7) ĠU L 50, 23.2.2008, p. 8.

*Artikolu 2*

Il-ħażniet eżistenti li huma konformi mad-dispożizzjonijiet applikabbli qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament jistgħu jibqgħu jitqiegħdu fis-suq u jintużaw sal-31 ta' Ottubru 2008.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Huwa għandu japplika mill-14 ta' Jannar 2008.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 10 ta' Ġunju 2008.

*Għall-Kummissjoni*
Androulla VASSILIOU
*Membru tal-Kummissjoni*

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 517/2008

## ta' l-10 ta' Ġunju 2008

## li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 850/98 fir-rigward tad-determinazzjoni tad-daqs tal-malja u l-assessjar tal-ħxuna ta' l-ispag tax-xbieki tas-sajd

IL-KUMMISJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 850/98 tat-30 ta' Marzu 1998 dwar il-konservazzjoni ta' riżorsi tas-sajd permezz ta' miżuri tekniċi għall-protezzjoni ta' żgħar ta' organiżmi tal-baħar ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 48 tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 850/98 jistabbilixxi miżuri tekniċi ta' konservazzjoni li japplikaw għall-qbid u l-ħatt ta' riżorsi tas-sajd f'ilmijiet marittimi, taħt is-sovranità jew il-ġurisdizzjoni ta' l-Istati Membri. Fost l-oħrajn, ir-Regolament jipprovdi li għandhom jiġu adottati regoli dettaljati għall-kejl tal-ħxuna ta' l-ispag, kif ukoll għad-determinazzjoni tad-daqs tat-toqob tax-xbieki tas-sajd.

(2) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 129/2003 ta' l-24 ta' Jannar 2003 li jippreskrivi regoli dettaljati biex jiġi stabbilit id-daqs tal-malji u l-ħxuna ta' l-ispag tax-xbiek tas-sajd ([2]) fih ċerti regoli tekniċi li jirrigwardaw l-użu ta' strumenti ta' kejl għad-determinazzjoni tad-daqs tal-malja u l-ħxuna ta' l-ispag tax-xbieki tas-sajd. Madankollu, l-użu attwali ta' dawn l-istrumenti ta' kejl mill-ispetturi tas-sajd f'ċerti każijiet wassal għal nuqqas ta' qbil bejn l-ispetturi tas-sajd u s-sajjieda, minħabba l-metodi ta' kejl u r-riżultati, li jistgħu jvarjaw skond kif jintużaw tali strumenti ta' kejl.

(3) Barra minn hekk, avvanzi tekniċi reċenti marbutin ma' l-izvilupp ta' strumenti għad-determinazzjoni tad-daqs tal-malja tax-xbieki tas-sajd żiedu l-preċiżjoni tagħhom. Jixraq li ssir dispożizzjoni għall-użu ta' dawn l-istrumenti mtejba mill-ispetturi tas-sajd Komunitarji u nazzjonali. B'hekk, l-użu ta' l-istrumenti ta' kejl il-ġodda għandu jkun obbligatorju għall-ispetturi tas-sajd Komunitarji u ta' l-Istati Membri, u dawn l-istrumenti għandhom ikunu mmarkati bħala "strument ta' kejl KE".

(4) Għall-iskopijiet tal-proċedura ta' kontroll, jeħtieġ li jiġu speċifikati t-tipi ta' strumenti ta' kejl li għandhom jintużaw, kif għandhom jintużaw, kif għandhom jintgħażlu l-malji għall-kejl, il-metodu li bih kull wieħed minnhom għandu jitkejjel, kif id-daqs tal-malji tax-xibka għandu jiġi kkalkolat, il-proċedura għall-għażla ta' spag tal-malji għall-assessjar tal-ħxuna ta' l-ispag, u biex tiġi deskritta s-sekwenza tal-proċedura ta' l-ispezzjoni.

(5) Fejn is-sid ta' bastiment jikkontesta r-riżultat ta' kejl matul proċess ta' spezzjoni, għandha ssir dispożizzjoni għal kejl mill-ġdid u finali.

(6) Għal skopijiet ta' ċarezza fil-leġiżlazzjoni tal-Komunità, ir-Regolament (KE) Nru 129/2003 għandu jiġi revokat u jiġi sostitwit minn dan ir-Regolament.

(7) Il-miżuri provvduti f'dan ir-Regolament huma bi qbil ma' l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għar-Riżorsi tas-Sajd u l-Akkwakultura,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU I

**SUĠĠETT U TIFSIRIET**

*Artikolu 1*

**Suġġett**

Dan ir-Regolament jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 850/98 fir-rigward tad-determinazzjoni tad-daqs tal-malja u l-assessjar tal-ħxuna ta' l-ispag tax-xbieki tas-sajd mill-ispetturi Komunitarji u nazzjonali.

*Artikolu 2*

**Tifsiriet**

Għall-għan ta' dan ir-Regolament, għandhom japplikaw it-tifsiriet li ġejjin:

(a) "strument ta' kejl tal-malja" tfisser strument ta' kejl tal-malja b'żewġ ponot, li japplika awtomatikament fuq il-malji forzi lonġitudinali ta' bejn 5 u 180 Newton (N), bi preċiżjoni ta' 1 N;

([1]) ĠU L 125, 27.4.1998, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 2166/2005 (ĠU L 345, 28.12.2005, p. 5).
([2]) ĠU L 22, 25.1.2003, p. 5.

(b) "irkaptu attiv" tfisser kull irkpatu tas-sajd li jirrekjedi l-moviment attiv tiegħu għall-operazzjoni tal-qbid, u jinkludi partikolarment irkaptu miġbud, irkaptu tat-tidwir, irkaptu tat-tkarkir, tartaruni Daniżi u xbieki oħra simili li jinġibdu;

(ċ) "irkaptu passiv" tfisser kull irkaptu tas-sajd li ma jirrekjedix il-moviment attiv tiegħu għall-operazzjoni tal-qbid, u jinkludi għeżula, xbieki tat-tħabbil, pariti, xbieki tan-nassa, xolfa u nases;

(d) "direzzjoni-N" tfisser għax-xbieki bl-għoqod: id-direzzjoni perpendikulari għall-orjentament ġenerali tal-ħjut tax-xbieki, kif muri fl-Anness I;

(e) "direzzjoni-T" tfisser:

(i) for knotted netting: id-direzzjoni parallela għall-orjentament ġenerali tal-ħjut tax-xbieki, kif muri fl-Anness I;

(ii) for knotless netting: id-direzzjoni perpendikulari għad-direzzjoni-N;

(f) "daqs tal-malja" tfisser:

(i) for knotted netting: l-itwal distanza bejn żewġ għoqdiet opposti fl-istess malja meta din tkun mifruxa għalkollox, kif muri fl-Anness I;

(ii) for knotless netting: id-distanza ta' ġewwa bejn il-ġonot opposti fl-istess malja meta din tkun mifruxa għalkollox tul l-itwal assi possibbli tagħha;

(ġ) "malja f'forma ta" maqrut' tfisser malja kif murija fil-Figura 1 ta' l-Anness II, magħmula minn erba' vireg ta' l-istess tul, fejn iż-żewġ djagonali tal-malja huma perpendikulari għal xulxin, u wieħed mid-djagonali huwa parallel għall-assi lonġitudinali tax-xibka, kif muri fil-Figura 2 ta' l-Anness II;

(g) "malja kwadra" tfisser malja b'erba' naħat magħmula minn żewġ settijiet ta' vireg paralleli ta' l-istess tul, fejn sett wieħed huwa parallel għall-assi lonġitudinali tax-xibka, u s-sett l-ieħor huwa perpendikulari għall-istess assi;

(għ) "malja T90" tfisser malja f'forma ta' maqrut magħmula minn xbieki bll-għoqod, kif muri fil-Figura 1 ta' l-Anness II, imtellgħa sabiex id-direzzjoni-T tax-xbieki hija parallela għall-assi lonġitudinali tax-xibka.

KAPITOLU II

## STRUMENTI TA' KEJL KE

*Artikolu 3*

### Strumenti ta' kejl tal-malja u tal-ħxuna ta' l-ispag

1. Għad-determinazzjoni tad-daqs tal-malja u tal-ħxuna ta' l-ispag tax-xbieki tas-sajd, l-ispetturi Komunitarji u nazzjonali għandhom jużaw l-istrumenti ta' kejl tal-malji u tal-ħxuna ta' l-ispag li huma konformi mad-dispożizzjonijiet ta' dan ir-Regolament.

2. L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi li japplikaw għall-istrument ta' kejl tal-malja jingħataw fl-Anness III.

3. L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi li japplikaw għall-istrument ta' kejl tal-ħxuna ta' l-ispag jingħataw fl-Anness IV.

4. L-istrumenti ta' kejl tal-malja u tal-ħxuna ta' l-ispag imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom ikunu mmarkati bħala "strument ta' kejl KE", u ċċertifikati mill-manifattur bħala konformi ma' l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi msemmija rispettivament fil-paragrafi 2 u 3.

5. L-istrumenti ta' kejl tal-malja u tal-ħxuna ta' l-ispag li jinbiegħu jew jiġu ddistribwiti għall-użu minn entitajiet jew persuni barra mill-awtoritajiet nazzjonali tas-sajd ma għandhomx jiġu mmarkati bħala "strument ta' kejl KE".

*Artikolu 4*

### Strumenti ta' kalibrazzjoni għall-istrument ta' kejl tal-malja

Il-piżijiet ikkalibrati ta' prova u l-pjanċa ta' kejl ikkalibrata ta' prova pprovduti fil-Figura 1 ta' l-Anness V għandhom ikunu ċċertifikati mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, u għandhom ikunu mmarkati "KE".

*Artikolu 5*

### L-ittestjar ta' l-istrumenti ta' kejl tal-malja

Il-preċiżjoni ta' l-istrument ta' kejl tal-malja għandha tkun ivverifikata billi:

(a) jiddaħħlu l-ponot ta' l-istrument ta' kejl fl-islotts tal-pjanċa kkalibrata ta' prova, kif provdut fil-Figura 1 ta' l-Anness V;

(b) jiddendlu l-piżijiet ikkalibrati ta' prova mill-ponta fissa, kif provdut fil-Figura 2 ta' l-Anness V.

KAPITOLU III

## ID-DETERMINAZZJONI TAD-DAQS TAL-MALJA

*Artikolu 6*

### Għażla tal-malji fl-irkaptu attiv

1. L-ispettur għandu jagħżel sensiela ta' 20 malja konsekuttivi mix-xibka, fid-direzzjoni li ġejja:

(a) għall-malji kwadri u f'forma ta' maqrut, fid-direzzjoni ta' l-assi lonġitudinali tax-xibka,

(b) għall-malji T90, fid-direzzjoni perpendikulari għall-assi lonġitudinali tax-xibka.

2. Ma għandhomx jitkejlu l-malji li jinsabu inqas minn tliet malji 'l bogħod mill-ħaxja, mill-qfieli, mill-ħbula jew mill-*codline*. Din id-distanza għandha titkejjel perpendikularment għall-qfieli, għall-ħbula jew għall-*codline*, bix-xibka stirata fid-direzzjoni ta' dak il-kejl. Ma għandhomx jitkejlu l-malji miksura jew imsewwija, jew li jkollhom twaħħil max-xibka f'dik il-malja.

3. B'deroga mill-paragrafu 1, il-malji li għandhom jitkejlu ma jeħtiġux li jkunu konsekuttivi jekk l-applikazzjoni tal-paragrafu 2 jipprevjeni dan.

*Artikolu 7*

**Għażla tal-malji fl-irkaptu passiv**

1. L-ispettur għandu jagħżel 20 malja mix-xibka. Fil-każ li x-xibka jkollha malji ta' qisien differenti, il-malji għandhom jintgħażlu mill-parti tax-xibka li għandha l-iżgħar malji.

2. Fl-għażla tal-malji skond il-paragrafu 1, ma għandhomx jinkludu l-malji li ġejjin:

(a) malji li jinsabu fil-parti ta' fuq, ta' taħt jew fil-ġenb ta' ħaxja;

(b) malji li jinsabu inqas minn tliet malji 'l bogħod mill-qfieli u l-ħbula;

(ċ) malji miskura jew imsewwija.

*Artikolu 8*

**Dispożizzjonijiet ġenerali għat-tħejjija u l-tħaddim ta' l-istrumenti ta' kejl tal-malji**

L-istrument ta' kejl tal-malji:

(a) għandu jitħejja skond l-Anness VI; u

(b) għandu jitħaddem skond l-Anness VII.

*Artikolu 9*

**It-tħaddim ta' l-istrument ta' kejl għall-malji f'forma ta' maqrut u l-malji T90**

Fil-kejl tal-malji f'forma ta' maqrut u l-malji T90:

(a) għax-xbieki bl-għoqod u mingħajr għoqod fejn tista' tiġi ddeterminata d-direzzjoni-N, ix-xbieki għandhom ikunu stirati fid-direzzjoni-N tal-malji, kif muri fl-Anness VII;

(b) għax-xbieki mingħajr għoqod fejn ma tistax tiġi ddeterminata d-direzzjoni-N, għandu jitkejjel l-itwal assi tal-malja.

*Artikolu 10*

**It-tħaddim ta' l-istrument ta' kejl għall-malji kwadri**

1. Fil-kejl ta' panew ta' malja kwadra, ix-xbieki għandhom ikunu stirati l-ewwel fid-direzzjoni tad-djagonali waħda tal-malja u mbagħad fid-direzzjoni djagonali l-oħra, kif muri fl-Anness VIII.

2. Il-proċedura stipulata fl-Anness VI għandha tapplika għall-kejl ta' kull direzzjoni djagonali tal-malja kwadra.

*Artikolu 11*

**Kundizzjonijiet ta' kejl**

Ix-xbieki għandhom jitkejlu biss meta jkunu mxarrbin u mhux inġazzati.

*Artikolu 12*

**Il-kejl tad-daqs ta' kull malja magħżula**

1. Id-daqs ta' kull malja għandu jkun id-distanza bejn ix-xfar ta' barra tal-ponot ta' l-istrument ta' kejl fil-punt fejn il-ponta mobbli titwaqqaf.

2. Fejn ikun hemm differenza fil-qies bejn id-djagonali ta' malja kwadra individwali, għandu jintuża l-akbar djagonali.

*Artikolu 13*

**Id-determinazzjoni tad-daqs tal-malja tax-xibka**

Id-daqs tal-malja tax-xibka għandu jiġi ddeterminat bħala l-valur medju, muri mill-istrument ta' kejl, tas-sensiela ta' 20 malja magħżula.

*Artikolu 14*

**Id-determinazzjoni tad-daqs tal-malja fil-każ ta' nuqqas ta' qbil**

1. Jekk is-sid ta' bastiment tas-sajd jikkontesta r-riżultat tad-determinazzjoni tad-daqs tal-malja mwettqa skond l-Artikolu 13, għandhom jintgħażlu u jitkejlu 20 malja f'parti oħra tax-xibka, skond l-Artikoli 6 sa 12.

2. Id-daqs tal-malja għandu jiġi ddeterminat bħala l-valur medju, muri mill-istrument ta' kejl, ta' l-40 malja kollha mkejla. Ir-riżultat muri mill-istrument ta' kejl għandu jkun finali.

KAPITOLU IV

## L-ASSESSJAR TAL-ĦXUNA TA’ L-ISPAG

*Artikolu 15*

### Dispożizzjonijiet ġenerali dwar l-għażla ta’ l-ispag

1. L-ispettur għandu jagħżel malji minn kwalunkwe parti tax-xibka suġġetta għal ħxuna massima permessa ta’ spag.

2. Ma għandux jintgħażel spag f’malji miksura jew imsewwija.

*Artikolu 16*

### Għażla ta’ spag fi xbieki b’malji f’forma ta’ maqrut

L-ispag fi xbieki b’malji f’forma ta’ maqrut għandu jintgħażel kif ġej, u kif muri fl-Anness VIII:

(a) fil-każ ta’ xibka bi spag waħdieni, għandu jintgħażel l-ispag fin-naħat opposti ta’ 10 malji;

(b) fil-każ ta’ xibka bi spag doppju, għandha tintgħażel kull spaga fin-naħat opposti ta’ 5 malji.

*Artikolu 17*

### Għażla ta’ spag fi xbieki b’malji kwadri

L-ispag fi xbieki b’malji kwadri għandu jintgħażel kif ġej, u kif muri fl-Anness VIII:

(a) fil-każ ta’ xibka bi spag waħdieni, għandu jintgħażel l-ispag fuq naħa waħda biss ta’ 20 malja, bl-istess naħa magħżula f’kull malja;

(b) fil-każ ta’ xibka bi spag doppju, għandha tintgħażel kull spaga fuq naħa waħda biss ta’ 10 malji, bl-istess naħa magħżula f’kull malja.

*Artikolu 18*

### Għażla ta’ l-istrument ta’ kejl tal-ħxuna ta’ l-ispag

L-ispettur għandu jużа strument ta’ kejl b’toqba tonda b’dijametru ekwivalenti għall-ħxuna massima permessa ta’ spag għall-parti tax-xibka kkonċernata.

*Artikolu 19*

### Kundizzjonijiet ta’ assessjar

L-ispag għandu jiġi assessjat meta ma jkunx inġazzat.

*Artikolu 20*

### L-assessjar tal-ħxuna ta’ kull spaga magħżula

Fejn il-ħxuna ta’ l-ispag tipprevjeni l-għeluq tal-ponot ta’ l-istrument ta’ kejl, jew fejn l-ispag ma jgħaddix faċilment minn ġot-toqba meta jingħalqu l-ponot, l-assessjar tal-ħxuna ta’ spaga għandu jiġi nnotat mill-ispettur bħala stima negattiva (–).

*Artikolu 21*

### L-assessjar tal-ħxuna ta’ l-ispag

1. Jekk jiġu nnotati aktar minn ħames stimi negattivi (–) mill-20 spaga magħżula skond l-Artikolu 20, l-ispettur għandu jerġa’ jagħżel u jassessja 20 spaga oħra skond l-Artikoli 15 sa 20.

2. Jekk jinstabu aktar minn 10 stimi negattivi (–) mit-total ta’ 40 spaga magħżula, il-ħxuna ta’ l-ispag għandha titqies li teċċedi l-ħxuna massima permessa ta’ l-ispag għal dik il-parti tax-xibka.

*Artikolu 22*

### L-assessjar tal-ħxuna ta’ l-ispag fil-każ ta’ nuqqas ta’ qbil

1. Jekk sid il-bastiment jikkontesta r-riżultat ta’ l-assessjar tal-ħxuna ta’ l-ispag imwettaq skond l-Artikolu 21, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 2 ta’ dan l-Artikolu.

2. L-ispettur għandu jerġa’ jagħżel 20 spaga differenti fl-istess parti tax-xibka. Jekk jinstabu aktar minn ħames stimi negattivi (–) mit-total ta’ 20 spaga magħżula, il-ħxuna ta’ l-ispag għandha titqies li teċċedi l-ħxuna massima permessa ta’ l-ispag għal dik il-parti tax-xibka. Ir-riżultat ta’ dak l-assessjar għandu jkun finali.

KAPITOLU V

## DISPOŻIZZJONIJIET FINALI

*Artikolu 23*

### Revoka

1. Ir-Regolament (KE) Nru 129/2003 huwa rrevokat.

2. Ir-referenzi għad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 129/2003 għandhom jitqiesu bħala referenzi għal dan ir-Regolament, u għandhom jinqraw skond it-tabella ta’ korrelazzjoni fl-Anness IX.

*Artikolu 24*

**Dispożizzjonijiet tranżitorji**

1. Għal perjodu tranżitorju sa l-1 ta' Settembru 2009, Stat Membru jista' jkompli japplika, fl-ilmijiet taħt is-sovranità jew il-ġurisdizzjoni tiegħu, il-metodi għad-determinazzjoni tad-daqs tal-malja u għall-assessjar tal-ħxuna ta' l-ispag tax-xbieki, skond ir-Regolament (KE) Nru 129/2003.

2. Jekk Stat Membru jkun biħsiebu japplika fl-ilmijiet taħt is-sovranità jew il-ġurisdizzjoni tiegħu l-metodu għad-determinazzjoni tad-daqs tal-malji u għall-assessjar tal-ħxuna ta' l-ispag skond ir-Regolament (KE) Nru 129/2003 għal perjodu tranżitorju sa l-1 ta' Settembru 2009, għandu jgħarraf b'dan lill-Kummissjoni u jippubblika din l-informazzjoni fuq il-websajt uffiċjali tiegħu.

*Artikolu 25*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 10 ta' Ġunju 2008.

*Għall-Kummissjoni*

Joe BORG

*Membru tal-Kummissjoni*

*ANNESS I*

**Id-daqs tal-malja, id-direzzjoni-N u d-direzzjoni-T ta' l-ispag tax-xibka**

*Figura*




1: Daqs tal-malja

2: Direzzjoni-T

3: Orjentament ġenerali tax-xibka

4: Direzzjoni-N

*ANNESS II*

**Xbieki bl-għoqod f'forma ta' maqrut u xbieki b'malja T90**

*Figura 1*

Id-direzzjoni ta' l-ispag f'xibka bl-għoqod standard f'forma ta' maqrut (A), u f'xibka mdawra b'90° (B) huma murija hawn isfel.




A: xibka bl-għoqod standard f'forma ta' maqrut

B: xibka b'malja T90

1: assi lonġitudinali tax-xibka

**Assi lonġitudinali tax-xibka**

*Figura 2*



*ANNESS III*

**Speċifikazzjonijiet tekniċi għall-istrument ta' kejl tal-malja**

1. L-istrument ta' kejl tal-malja:

(a) għandu japplika awtomatikament fuq il-malji forza lonġitudinali għall-kejl tad-daqs tal-malji tax-xbieki tas-sajd;

(b) għandu jkollu żewġ ponot, waħda fissa u l-oħra mobbli, kull waħda bi ħxuna ta' 2 mm bi xfar ittondjati b'radjus ta' 1 mm, biex jiżguraw li l-ponot jiżolqu faċilment tul l-ispag, kif muri fil-figura ta' hawn isfel;

(ċ) għandu jitħaddem bl-elettriku jew bil-batterija, u għandu jkun kapaċi jwettaq 1 000 kejl nett tal-malja qabel ma jkun jeħtieġ jiġi ċċarġjat;

(d) għandu jkun kapaċi japplika forzi lonġitudinali magħżula ta' bejn 5 u 180 N fuq il-malji bi preċiżjoni ta' 1 N;

(e) għandu jkollu sistema integrata għall-kejl tal-forza applikata;

(f) għandu jkun kapaċi jġebbed malja b'veloċità kostanti ta' 300 ± 30 mm/minuta bil-ponta mobbli;

(ġ) għandu jkun kapaċi jkejjel malji ta' bejn 10 u 300 mm, u jkollu ponot li jistgħu jinqalgħu għall-użu fuq malji żgħar u kbar;

(h) għandu jkollu preċiżjoni ta' kejl ta' 1 mm;

(i) għandu jkollu struttura iebsa li ma titgħawwiġx waqt l-użu;

(j) għandu jkun ħafif iżda sod, u għandu jiżen mhux aktar minn 2,5 kg;

(k) għandu jkun magħmul minn materjal reżistenti għall-korrużjoni f'kundizzjonijiet marittimi;

(l) għandu jkun reżistenti għall-ilma u għat-trab, skond l-istandard IP56 ([1]);

(m) għandu jibqa' stabbli meta jitħaddem, f'temperaturi ta' bejn – 10 °C u + 45 °C;

(n) għandu jkun kapaċi jirreżisti temperaturi ta' bejn – 30 °C u 70 °C meta jinħażen jew jinġarr;

(o) għandu jkun ikkontrollat permezz ta' *software* li jipprovdi menu ta' funzjonijiet, u li meta jitqabbad jippermetti lill-istrument iwettaq test tal-partijiet elettroniċi u mekkaniċi tiegħu stess;

(p) għandu juri li l-istrument huwa lest għall-użu, inkella juri messaġġ ta' żball, jintefa u jieqaf milli jaħdem;

(q) għandu jippermetti li jitħaddem b'id waħda, u li jsir aċċess għall-funzjonijiet tiegħu permezz ta' buttuni esterni;

(r) għandu juri dejta fuq skrin integrali u jippreżenta kull kejl, l-għadd ta' kejlijiet imwettqa f'sensiela, u l-valur medju f'millimetri;

(s) għandu jaħżen id-dejta ta' talanqas 1 000 kejl fil-memorja tiegħu, u għandu jippermetti t-trasferiment tad-dejta fuq kompjuter;

(t) għandu jkollu funzjoni biex jiġi kkalkolat id-daqs medju tal-malji, aġġustat lejn l-eqreb 0.1 mm;

(u) għandu jkollu *software* li jinkludi funzjoni biex jintgħażel awtomatikament l-akbar djagonali ta' kull malja, sabiex tikkalkola l-medja tad-daqs tal-malji tax-xbieki b'malji kwadri;

(v) għandu jżomm id-dejta ta' kull kejl li jsir.

2. Ċerti xbieki jitgħawġu bit-tagħbija. L-istrument ta' kejl għandu jikkoreġi din is-sitwazzjoni billi jerġa' japplika l-forza stabbilita. Dan jirrikjedi algoritmu fil-programm għall-ikkontrollar, kif deskritt fl-Appendiċi.

([1]) Il-kodiċijiet ta' Protezzjoni Interna (IP) huma speċifikati fl-istandard internazzjonali 60529 tal-Kummissjoni Internazzjonali Elettroteknika (IEC).

*Figura*

(Dawn id-disinji huma għall-għan illustrattiv biss)




| Deskrizzjoni | |
|---|---|
| 1 | Ponta fissa biċ-ċellula ta' tagħbija |
| 2 | Ponta mobbli |
| 3 | Skrin integrat |

| Speċifikazzjonijiet | |
|---|---|
| Kejl tat-tul | |
| Firxa: | 10-300 mm |
| Preċiżjoni: | ± 1 mm |
| Kejl tal-forza | |
| Firxa: | 5-180 N |
| Preċiżjoni: | ± 1 N |
| Forzi ta' kejl fissi: | 10 N, 20 N, 50 N, 125 N |
| Veloċità tal-ponta mobbli: | 300 ± 30 mm/minuta [1] |
| Awtonomija tal-batterija: | minimu ta' 1 000 kejl |
| Żamma tad-dejta | |
| Memorja: | minimu ta' 1 000 kejl |
| Firxa tat-temperatura | |
| Fl-operat: | – 10 sa 40 °C |
| Fil-ħżin: | – 30 sa 70 °C |
| Reżistenti għall-ilma | skond l-istandard IP56 |
| Reżistenti għall-iskossi | |
| Piż | massimu ta' 2,5 kg |

[1] Il-veloċità tal-ponta mobbli waqt it-tiġbid tal-malja. Il-veloċità tal-ponta mobbli meta ma tkunx mgħobbija tista' tkun ogħla.

*Appendiċi għall-Anness III*

**Algoritmu ta’ kejl**

Sabiex jitqies it-tagħwiġ f'malja mġebbda:

1. Tawwal il-ponta mobbli ġewwa l-malja b’veloċità kostanti ta’ 300 ± 30 mm/minuta ([1]), sakemm tintlaħaq il-forza tal-kejl;

2. Waqqaf il-mutur u stenna sekonda;

3. Jekk il-forza taqa’ taht 80 % mill-forza tal-kejl stabbilit minn qabel, tawwal il-ponta mobbli ġewwa l-malja sakemm terġa’ tintlaħaq il-forza tal-kejl.

---

([1]) Il-veloċità tal-ponta mobbli waqt it-tiġbid tal-malja. Il-veloċità tal-ponta mobbli meta ma tkunx mgħobbija tista’ tkun ogħla.

*ANNESS IV*

**Speċifikazzjonijiet tekniċi ta’ l-istrument ta’ kejl tal-ħxuna ta’ l-ispag**

L-istrument ta’ kejl għall-assessjar tal-ħxuna ta’ l-ispag:

(a) għandu jkun magħmul minn materjal reżistenti u mhux korrożiv, li jiflaħ għal kundizzjonijiet ħarxa fil-baħar, u għandu jkun manifatturat skond id-disinji fil-figura ta’ hawn isfel;

(b) għandu jkollu l-ixfar maċ-ċirkonferenza ta’ kull naħa tat-toqba tonda għall-assessjar tal-ħxuna ta’ l-ispag (it-toqba) ittondjati, biex jevitaw il-brix meta l-ispag jinġibed mit-toqba għall-verifika tal-konformità;

(ċ) għandu jkun armat b’ħalq it-tnalji ttondjat biex il-ponot ikunu jistgħu jiddaħħlu faċilment bejn spagi doppji;

(d) għandu jkollu ponot t’azzjoni parallela, f’saħħithom biżżejjed biex ma jitgħawġux waqt l-użu raġonevoli tagħhom, b’qies għall-fatt li l-ponot għandhom jingħalqu billi jiġu ssikkati manwalment għal kull kejl;

(e) għandu jkollu n-naħa ta’ ġewwa tal-ponot issingjata b’mod li tħalli qabża ta’ 0.5 mm tul distanza ta’ 1 mm fuq iż-żewġ naħat tat-toqba meta l-ponot ikunu magħluqin, sabiex jiġi evitat li l-filamenti mhux marbuta ta’ materjal ħerġin ‘il barra mill-istruttura mmaljata jew mibruma ta’ l-ispag jeħlu fil-wiċċ ċatt tal-ponot fuq iż-żewġ naħat tat-toqba li fiha jinsab l-ispag;

(f) meta l-ponot ikunu magħluqin, għandu jkollu d-djametru tat-toqba tonda mmarkat bil-millimetri fuq waħda mill-ponot, maġenb it-toqba; il-ponot ikunu magħluqin meta l-uċuħ taż-żewġ naħat interni tagħhom imissu ma’ xulxin u jkunu invell;

(g) għandu jkollu kemm il-maqbad kif ukoll l-ponot immarkati ‘strument ta’ kejl KE’;

(h) għad-djametru tat-toqba, għandu jkollu tolleranza ta’ 0 + 0,1 mm;

(i) għandu jkun jista’ jinġarr faċilment, b’mod li l-ispetturi jistgħu jġorru magħhom sett ta’ erba’ strumenti ta’ kejl (4 mm, 5 mm, 6 mm, and 8 mm) meta jivvjaġġaw bejn bastiment u ieħor fil-baħar;

(j) jekk l-istrumenti ta’ kejl ikunu ta’ daqs differenti minn xulxin, għandhom ikunu faċilment identifikabbli;

(k) għandu jkun kapaċi jiddaħħal faċilment bejn spagi doppji. Ladarba l-istrument ta’ kejl ikun iddaħħal fil-pożizzjoni, għandu jkun jista’ jiġi operat faċilment b’id waħda.

*Figura*

**Il-komponenti ta’ l-istrument għall-kejl ta’ l-ispag**

| DIMENSJONIJIET U TEST FUQ ID-DISINN | |
|---|---|
| A | 132 |
| B | 16 |
| C | 161 |
| D | 19 |
| E | 48 |
| F | Meta ma jkunux qed jintużaw, it-tnalji jinżammu miftuħa permezz ta’ molla ta’ tensjoni |
| G | Veduta minn pjan ġenerali |
| H | Elevazzjoni minn quddiem |
| I | Elevazzjoni mit-tarf |
| 1 | Maqbad |
| 2 | Ponot |



| Dimensjonijiet u test fuq id-disinn | |
|---|---|
| A | 89 |
| B | 35 |
| C | 14,5 |
| D | 7,5 |
| E | 6,25 |
| F | 4 (MINIMU) |
| G | 40,48 |
| H | 20,64 |
| I | 7,0 |
| J | 7,94 |
| K | 3 |
| L | 4 |
| M | N $^{3,23}_{3,18}$ |
| N | 9,5 |
| O | 6,0 |
| P | 1,0 |
| Q | 0,25 |
| S | R1,5 |
| T | N 2,0 |
| U | N $^{10,2}$ SA $^{10,0}$ |
| V | N $^{4,85}$ SA $^{4,80}$ |
| W | N 4,0/5,0/6,0/8,0 + 0,10 0,00 |
| X | R3 |
| Y | 0,5 x 45E |
| Z | R1,5 |
| a | R4 |
| b | Veduta minn pjan ġenerali |




| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| c | Dettall imkabbar | g | Elevazzjoni mit-tarf | Titlu<br>∉ PONOT | |
| d | Pjan ġenerali tad-dettall | h | Kullimkien | Unitajiet ta’ kejl<br>mm | Tolleranzi:<br>Sakemm mhux indikat mod ieħor<br>Dimensjonijiet deċimali ± 0,10<br>Oħrajn ± 0,50 |
| e | Elevazzjoni mit-tarf | i | Ix-xfar kollha jaqtgħu għandhom jitneħħew | | |
| f | Elevazzjoni minn quddiem | * | Toqob ifformati bil-ponot magħluqin flimkien bil-pressa | | |

*ANNESS V*

**Il-kalibrazzjoni u t-testjar ta' l-istrument ta' kejl tal-malja**

A. **Verifika tal-kejl tat-tul**

Il-verifika tal-kejl tat-tul għandha ssir billi jiddaħħlu l-ponot ta' l-istrument ta' kejl li se jintuża waqt l-ispezzjoni ġewwa l-islotts ta' tul differenti fil-pjanċa riġida kkalibrata ta' prova. Dan jista' jsir f'kull ħin.

*Figura 1*




Tul ta' l-islotts f'mm

B. **Verifika tal-kejl tal-forza**

Il-verifika tal-kejl tal-forza għandha ssir billi jiddendlu piżijiet ikkalibrati mill-ponta fissa li fiha ċ-ċellula ta' tagħbija, waqt li l-istrument ta' kejl jinżamm wieqaf u sod. Il-piżijiet għandu jkollhom il-valuri li ġejjin: 10, 20, 50 u 125 N. Il-piżijiet jistgħu jintużaw biss f'kundizzjonijiet stabbli.

*Figura 2*

(Dan id-disinn huwa għal għan illustrattiv biss)




1: piż ta' prova

*ANNESS VI*

**It-tħejjija ta' l-istrument ta' kejl tal-malja**

1. L-ispettur:

   (a) għandu jagħżel id-daqs xieraq tal-ponot għall-kejl tal-malji;

   (b) jiżgura li l-ponot huma nodfa;

   (ċ) għandu jiċċekkja li l-istrument ta' kejl iwettaq l-awtoverifika b'mod sodisfaċenti;

   (d) għandu jagħżel il-forza ta' kejl li għandha tiġi applikata, kif ġej:

      (i) għall-irkaptu attiv:

      — 20 N għal malji b'daqs < 35 mm,

      — 50 N għal malji b'daqs ≥ 35 mm u < 55 mm,

      — 125 N għal malji b'daqs ≥ 55 mm;

      (ii) għall-irkaptu passiv:

      — 10 N għall-malji ta' kull daqs;

   (e) għandu jivverifika t-tip ta' ponot magħżulin. L-għażla awtomatika hija "Normal". Jekk jintużaw ponot żgħar jew kbar, l-ispettur għandu jidħol fil-menù u jibdel l-għażla tat-tip ta' ponot skond il-każ.

2. Malli jkunu mwettqa l-attivitajiet imsemmija fil-punt 1, l-istrument ta' kejl huwa lest biex ikejjel il-malji.

*ANNESS VII*

**L-operat ta' l-istrument ta' kejl tal-malja għall-ispezzjoni**

Fil-kejl tal-malji, l-ispettur:

(a) għandu jdaħħal il-ponot fil-fetħa tal-malja, bil-ponta fissa ta' l-istrument ta' kejl tistrieħ fuq l-għoqda, kif muri fil-figura ta' hawn isfel;

(b) għandu jopera l-istrument u jħalli l-ponot jinfetħu sakemm il-ponta mobbli tilħaq l-għoqda ta' faċċata u tieqaf meta tintlaħaq il-forza stabbilita:

*Figura*




1: Daqs tal-malja

2: Direzzjoni-N

3: Ponta fissa

4: Ponta mobbli.

*ANNESS VIII*

**L-ispag fi xbieki b'malji f'forma ta' maqrut jew b'malji kwadri**

*Figura*






*ANNESS IX*

**Tabella ta’ korrelazzjoni**

| Ir-Regolament (KE) Nru 129/2003 | Dan ir-Regolament |
|---|---|
| — | Artikolu 1 |
| Artikolu 1 | Artikolu 2 |
| Artikolu 2(1) | Artikolu 3(2) |
| Artikolu 2(2) | Artikolu 3(4) |
| Artikolu 3(1) | Artikolu 9 |
| Artikolu 3(2) | — |
| Artikolu 3(3) | — |
| Artikolu 4(1) | Artikolu 10(1) |
| Artikolu 4(2) | Artikolu 10(2) |
| Artikolu 5(1) | Artikolu 6(1) |
| Artikolu 5(2) | Artikolu 6(2) |
| Artikolu 5(3) | Artikolu 6(3) |
| Artikolu 6(1) | Artikolu 11 |
| Artikolu 6(2) | Artikolu 12(1) |
| Artikolu 6(3) | Artikolu 12(2) |
| Artikolu 7 | Artikolu 13 |
| Artikolu 8 | — |
| Artikolu 9 | Artikolu 14 |
| Artikolu 10(1) | Artikolu 3(2) |
| Artikolu 10(2) | Artikolu 3(2) |
| Artikolu 10(3) | Artikolu 3(4) |
| Artikolu 10(4) | Artikolu 3(2) |
| Artikolu 10(5) | Artikolu 3(2) |
| Artikolu 11(1) | Artikolu 7(1) |
| Artikolu 11(2) | Artikolu 7(2) |
| Artikolu 12(1) | Artikolu 11 |
| Artikolu 12(2) | Artikolu 8 |
| Artikolu 13 | Artikolu 13 |
| Artikolu 14 | Artikolu 6 |
| Artikolu 15 | Artikolu 14 |
| Artikolu 16(1) | Artikolu 3(3) |
| Artikolu 16(2) | Artikolu 3(3) |

| Ir-Regolament (KE) Nru 129/2003 | Dan ir-Regolament |
|---|---|
| Artikolu 16(3) | Artikolu 3(4) |
| Artikolu 17(1) | Artikolu 15(1) |
| Artikolu 17(2) | Artikolu 15(2) |
| Artikolu 17(3) | — |
| Artikolu 18(1) | Artikolu 19 |
| Artikolu 18(2) | Artikolu 16 |
| Artikolu 18(3) | Artikolu 17 |
| Artikolu 19(1) | Artikolu 20 |
| Artikolu 19(2) | Artikolu 21(1) |
| Artikolu 19(3) | Artikolu 21(2) |
| Artikolu 20 | Artikolu 22 |

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 518/2008

## ta' l-10 ta' Ġunju 2008

## li jiddefinixxi, għas-sena tas-suq 2007/2008, l-ammont ta' l-għajnuna għall-ħżin taż-żbib u t-tin imqadded mhux ipproċessat

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/96 tat-28 ta' Ottubru 1996 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq tal-prodotti tal-frott u l-ħxejjex ipproċessati ([1]), u partikolarment l-Artikolu 9(8) tiegħu,

Billi:

(1) Is-sistema ta' għajnuna stabbilita bir-Regolament (KE) Nru 2201/96 tħassret bir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1182/2007 ([2]), li stabbilixxa regoli speċifiċi rigward is-settur tal-frott u l-ħxejjex, mill-1 ta' Jannar 2008. Madankollu, din is-sistema ta' għajnuna għadha applikabbli għas-sena tas-suq 2007/2008 għal kull prodott ikkonċernat skond l-Artikolu 55(1) tar-Regolament (KE) Nru 1182/2007.

(2) L-Artikolu 9(4) tar-Regolament (KE) Nru 2201/96 jipprovdi li għajnuna għall-ħżin għandha tingħata lill-aġenziji tal-ħżin għaż-żmien effettiv tal-ħżin u għall-kwantitajiet ta' sultana, passolina u tin imqadded li jkunu xtraw f'konformità mal-paragrafu 1 ta' l-Artikolu msemmi.

(3) Jeħtieġ li tiġi definita l-għajnuna għall-ħżin għaż-żbib u t-tin imqadded mhux ipproċessat tas-sena tas-suq 2007/2008 skond l-Artikolu 7 tar-Regolament tal-Kummisjsoni Nru 1622/1999 tat-23 ta' Lulju 1999 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/96 rigward l-iskema għall-ħażna ta' l-għeneb imqadded mhux ipproċessat u t-tin imqadded mhux ipproċessat ([3]).

(4) Il-miżuri pprovduti b'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq Agrikoli,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Għas-sena tas-suq 2007/2008, l-ammont ta' l-għajnuna għall-ħżin skond l-Artikolu 9(4) tar-Regolament (KE) Nru 2201/96 huwa:

a) għaż-żbib:

i) EUR 0,1408 il-jum/tunnellata netta, sat-28 ta' Frar 2009,

ii) EUR 0,1148 il-jum/tunnellata netta, mill-1 ta' Marzu 2009;

b) għat-tin imqadded, EUR 0,1311 għal kull jum u kull tunnellata netta.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 10 ta' Ġunju 2008.

*Għall-Kummissjoni*

Mariann FISCHER BOEL

*Membru tal-Kummissjoni*

([1]) ĠU L 297, 21.11.1996, p. 29. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1234/2007 (ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1).

([2]) ĠU L 273, 17.10.2007, p. 1.

([3]) ĠU L 192, 24.7.1999, p. 33. Ir-Regolament kif emendat bir-Regolament (KE) Nru 1051/2005 (ĠU L 173, 6.7.2005, p. 5).

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 519/2008

## ta' l-10 ta' Ġunju 2008

## li japprova emendi minuri lill-ispeċifikazzjonijiet ta' denominazzjoni elenkata fir-reġistru tad-denominazzjonijiet protetti ta' oriġini u ta' l-indikazzjonijiet ġeografiċi protetti (Volailles de Loué (IĠP))

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 510/2006 ta' l-20 ta' Marzu 2006 dwar il-protezzjoni ta' l-indikazzjonijiet ġeografiċi u tad-denominazzjonijiet ta' l-oriġini tal-prodotti agrikoli u l-prodotti ta' l-ikel [1], u b'mod partikolari t-tieni sentenza ta' l-Artikolu 9(2) tiegħu,

Billi:

(1) Skond l-ewwel subparagrafu ta' Artikolu 9(1) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006 u fid-dawl ta' l-Artikolu 17(2) ta' l-istess Regolament, il-Kummissjoni eżaminat it-talba ta' Franza biex jiġu approvati emendi lill-ispeċifikazzjonijiet tad-indikazzjoni ġeografika protetta "Volailles de Loué", irreġistrata bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1107/1996 [2].

(2) It-talba għandha l-għan li temenda l-ispeċifikazzjonijiet billi żżid id-dundjan (lewn il-bronż) maħsub għall-bejgħ tul is-sena kollha f'biċċiet maqtugħa. Għandhom ukoll jiġu speċifikati r-razza, id-densità u l-għalf.

(3) Il-Kummissjoni eżaminat l-emenda kkonċernata u kkonkludiet li hija ġġustifikata. Ġaladarba l-emenda hija waħda minuri fis-sens ta' l-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 510/2006, il-Kummissjoni tista' tapprovaha mingħajr ma tirrikorri għall-proċedura deskritta fl-Artikoli 5, 6 u 7 tar-Regolament imsemmi,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-ispeċifikazzjonijiet ta' l-indikazzjoni ġeografika protetta "Volailles de Loué" huma b'dan emendati skond l-Anness I ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Sinteżi ta' l-elementi ewlenin ta' l-ispeċifikazzjonijiet tinsab fl-Anness II ta' dan ir-Regolament.

*Artikolu 3*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 10 ta' Ġunju 2008.

*Għall-Kummissjoni*
Mariann FISCHER BOEL
*Membru tal-Kummissjoni*

[1] ĠU L 93, 31.3.2006, p. 12. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 417/2008 (ĠU L 125, 9.5.2008, p. 27).
[2] ĠU L 148, 21.6.1996, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 704/2005 (ĠU L 118, 5.5.2005, p.14)

*ANNESS I*

B'dan huma approvati l-emendi li ġejjin għall-ispeċifikazzjonijiet ta' l-indikazzjoni ġeografika protetta "Volailles de Loué"

**"Deskrizzjoni tal-prodott":**

Żieda ta' paragrafu:

"Id-dundjani (lewn il-bronż) ta' l-irziezet ta' Loué.

Id-dundjani (irġiel u nisa) tar-razza li jikbru bil-mod, tat-tip lewn 'il-bronż', mibruma u weqfin sew, jitrabbew esklussivament fil-beraħ sakemm jimmaturaw (tul minimu ta' 14-il ġimgħa għad-dundjani nisa u ta' 18-il ġimgħa għad-dundjani rġiel).

Il-maturità tagħhom tagħti togħma bnina lil-laħam li jżomm sew meta jissajjar, u l-oriġini ġenetika tagħhom tiżgura li l-laħam ikun tari. Jiġu prodotti s-sena kollha u huma maħsuba għall-bejgħ maqtugħin jew ipproċessati."

**"Metodu ta' produzzjoni":**

Fil-paragrafu "Razza", jiżdied: "il-flieles tad-dundjan iridu jkun tat-tip 'lewn il-bronż' ".

Fil-paragrafu "Densità", jiżdied: "l-annimali jitrabbew f'kundizzjoni ta' densità baxxa fil-gallinar (mhux aktar minn 6.25 dundjan kull metru kwadru mill-età ta' 10 ġimgħat)".

Fil-paragrafu "Għalf", jiżdied: "75 % minimu ta' ċereali, għall-biċċa l-kbira tal-perjodu tat-tismin tad-dundjani (lewn il-bronż)".

*ANNESS II*

**SINTEŻI**

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KE) Nru 510/2006 dwar il-protezzjoni ta' l-indikazzjonijiet ġeografiċi u tad-denominazzjonijiet ta' l-oriġini **tal-prodotti agrikoli u l-prodotti ta' l-ikel**

**"VOLAILLES DE LOUÉ"**

Nru tal-KE: FR/PGI/117/0149/18.2.2004

**DPO ( ) IĠP (X)**

Din is-sinteżi taghti l-elementi ewlenin ta' l-ispeċifikazzjonijiet tal-prodott b'għan informattiv biss.

1. **Dipartiment responsabbli fl-Istat membru:**

| | |
|---|---|
| Isem: | Institut National de l'Origine et de la Qualité (INAO) |
| Indirizz: | 51 rue d'Anjou – F-75008 Paris |
| Tel: | (33) (0)1 53 89 80 00 |
| Feks: | (33) (0)1 42 25 57 97 |
| Posta elettronika: | info@inao.gouv.fr |

2. **Grupp**

| | |
|---|---|
| Isem: | Syndicat des Volailles Fermières de Loué – SYVOL QUALIMAINE |
| Indirizz: | 82 avenue Rubillard 72000 LE MANS – FRANCE |
| Tel.: | (33) (0)2 43 39 93 13 |
| Feks: | (33) (0)2 43 23 42 19 |
| Posta elettronika: | info@loue.fr |
| Kompożizzjoni: | Produtturi / proċessuri (X) Oħrajn ( ) |

3. **Tip ta' prodott:**

Klassifikazzjoni 1.1. – Laħam (u ġewwieni) frisk.

4. **Speċifikazzjonijiet** (sinteżi tar-rekwiżiti skond l-Artikolu 4(2) tar-Regolament (KE) Nru 510/2006)

4.1. *Isem:*

"Volailles de Loué"

4.2. *Deskrizzjoni:*

Karkassi jew qatgħat ta' tjur ta' kwalità superjuri, laħam ta' togħma bnina, tari imma b'konsistenza soda, mingħajr xaħam żejjed (*Poulet Blanc Fermier de Loué* (Tiġieġa bajda), *Dinde Fermière de Loué* (Dundjan), *Dinde (bronzée) Fermière de Loué* (Dundjan lewn il-bronż), *Pintade Fermière de Loué* (Farawn), *Canard de Barbarie Fermier de Loué et Canette de Barbarie Fermière de Loué* (Papra Muscovy jew il-flieles tagħha), *Poulet Noir Fermier de Loué* (Tiġieġa sewda), *Poulet Jaune Fermier de Loué* (Tiġieġa safra), *Oie Fermière de Loué* (Wiżża), *Chapon Fermier de Loué* (Ħasi), *Poule Fermière de Loué* (Qroqqa), *Poularde Fermière de Loué* (Poulard), *Poulet Blanc Fermier* (Tiġieġa Bajda), *Chapon de Pintade Fermier de Loué* (Ħasi tal-farawn)).

It-tjur huma ppreżentati mnaddfa, sħaħ jew maqtugħa, friski jew iffriżati.

4.3. *Żona ġeografika:*

Id-dipartiment ta' la Sarthe; id-dipartiment ta' la Mayenne; fid-dipartiment ta' l'Orne, l'Indre et Loire, Loire et Chere, Eure et Loir: il-cantons mal-periferija; fid-dipartiment ta' Maine et Loire: l-*arrondissement* ta' Segré u l-cantons ta' Louroux-Béconnais, Saint-Georges-sur-Loire, Angers, Tiercé, Durtal, Seiches-sur-le-Loir, Baugé, Beaufort-en-Vallée, Noyant, Longué-Jumelles, Allonnes.

4.4. *Prova ta' l-oriġini:*

Kull parti tal-produzzjoni hija elenkata (mfaqas, manifatturi ta' l-għalf, raħħala, biċċeriji).

Kull lott ta' tjur jgħaddi minn reġistrazzjoni dokumentarja f'kull stadju: dikjarazzjoni mir-raħħal tat-tjur mizjuda ma' l-istokk tiegħu, ċertifikati tal-wasla għat-tjur b'età ta' jum, dikjarazzjoni tat-tluq lejn il-biċċerija u dikjarazzjoni għall-ġbir mill-biċċerija, dikjarazzjoni tat-tikketti użati għat-tjur wara l-qatla u dikjarazzjoni għat-tjur skartat. It-tikketti huma kollha nnumerati. Kontrolli fuq il-konsistenza ta' din l-informazzjoni jippermettu li tiġi żgurata t-traċċabbiltà tal-prodott.

4.5. *Metodu ta' produzzjoni:*

Razza ta' tjur puri u bgħula li jikbru bil-mod. Imrobbija f'qatgħat żgħar, fil-beraħ jew ħielsa fl-għelieqi lokali (*bocage*) sakemm jilħqu l-maturità sesswali. Għalf ibbażat fuq iċ-ċereali u l-qatla sseħħ ma' età minima ffissata għal kull speċi.

4.6. *Rabta:*

Ir-rabta ma' l-oriġini ġeografika ġejja minn :

— fama storika marbuta ma' l-eżistenza tal-"Foire de l'Envoi", fiera tar-raħal ta' Loué, magħrufa sew partikolarment fis-seklu 19 u li kienet tiġbed bosta bejjiegħa tat-tjur, li kienu jixtru l-prodotti tal-bdiewa tar-reġjun. Fl-1958, xi raħħala u pakkettaturi tar-reġjun ta' Loué irnexxielhom jerġgħu jqabbdu l-produzzjoni tat-tjur ta' l-irziezet ta' kwalità għolja.

— **il-fama ta' bħalissa** : it-tjur ta' Loué huma l-aktar tjur ċelebri ta' Franza. Igawdu mill-akbar fama mal-pubbliku u għandhom importanza ewlenija fil-gastronomija. Jintużaw minn koki ta' fama kbira.

4.7. *Organu ta' spezzjoni:*

| | |
|---|---|
| Isem: | QUALI OUEST |
| Indirizz: | 30 rue du Pavé 72000 Le Mans – France |
| Tel: | (33) (0)2 43 14 21 11 |
| Feks: | (33) (0)2 43 14 27 32 |
| Posta elettronika: | qualiouest@qualiouest.com |

4.8. *Tikkettar:*

Volailles de Loué ma' l-isem ta' l-ispeċi korrispondenti.

# REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 520/2008

## tad-9 ta' Ġunju 2008

## li jipprojbixxi s-sajd għar-roundnose grenadier fiż-żoni Vb, VII u VII ta' l-ICES (ilmijiet tal-Komunità u ilmijiet li mhumiex taħt is-sovranità jew il-ġurisdizzjoni ta' pajjiżi terzi) min-naħa ta' bastimenti li jtajru l-bandiera ta' Spanja

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2371/2002 ta' l-20 ta' Diċembru 2002 dwar il-konservazzjoni u l-isfruttar sostenibbli tar-riżorsi tas-sajd skond il-Politika Komuni tas-Sajd ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 26(4) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2847/93 tat-12 ta' Ottubru 1993 li jistabbilixxi sistema ta' kontroll li tapplika għall-Politika Komuni dwar is-Sajd [tas-Sajd] ([2]), u b'mod partikolari l-Artikolu 21(3) tiegħu,

Billi:

(1) Ir-Regolament (KE) Nru 2015/2006 tad-19 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi għall-2007 u l-2008 l-opportunitajiet tas-sajd għall-bastimenti tas-Sajd tal-Komunità għal ċerti stokkijiet ta' ħut tal-baħar fond [titlu mhux uffiċjali] ([3]) jistabbilixi l-kwoti għall-2007 u l-2008.

(2) Mill-informazzjoni li waslet għand il-Kummissjoni, jirriżulta li l-qabdiet li saru mill-istokk imsemmi fl-Anness għal dan ir-Regolament minn bastimenti li jtajru l-bandiera ta' l-Istat Membru msemmi hemmhekk jew irreġistrati fih, eżawrew il-kwota allokata għall-2008.

(3) Jeħtieġ għalhekk li s-sajd għal dak l-istokk kif ukoll iż-żamma tiegħu fuq il-bastimenti, it-trażbord u l-ħatt tiegħu l-art, jiġu pprojbiti,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

**Eżawriment tal-kwota**

Il-kwota tas-sajd allokata għall-Istat Membru msemmi fl-Anness għal dan ir-Regolament għall-istokk imsemmi hemmhekk għall-2008 għandha titqies bħala eżawrita mid-data stipulata f'dak l-Anness.

*Artikolu 2*

**Projbizzjonijiet**

Is-sajd għall-istokk imsemmi fl-Anness għal dan ir-Regolament minn bastimenti li jtajru l-bandiera ta' l-Istat Membru msemmi hemmhekk jew irreġistrati fih huwa pprojbit mid-data stipulata f'dak l-Anness. Wara dik id-data għandu jkun ipprojbit ukoll li t-tali stokk maqbud minn dawk il-bastimenti jinżamm abbord, jiġi ttrażbordat jew jinħatt l-art.

*Artikolu 3*

**Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 9 ta' Ġunju 2008.

*Għall-Kummissjoni*

Fokion FOTIADIS

*Direttur Ġenerali għas-Sajd u l-Affarijiet Marittimi*

---

([1]) ĠU L 358, 31.12.2002, p. 59. Ir-Regolamet kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 865/2007 (ĠU L 192, 24.7.2007, p.1).

([2]) ĠU L 261, 20.10.1993, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1967/2006 (ĠU L 409, 30.12.2006, p. 11; corrigendum: ĠU L 36, 8.2.2007, p. 6).

([3]) ĠU L 384, 29.12.2006, p. 28. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1533/2007 (ĠU L 337, 21.12.2007, p. 21).

*ANNESS*

| | |
|---|---|
| Nru | 02/DSS |
| Stat Membru | ESP |
| Stokk | RNG/5B67- |
| Speċi | Roundnose grenadier (*Coryphaenoides rupestris*) |
| Żona | Ilmijiet Komunitarji u ilmijiet li ma jaqgħux taħt is-sovranità jew il-ġurisdizzjoni ta' pajjiżi terzi ta' Vb, VI, u VII |
| Data | 12.5.2008 |

II

*(Atti adottati skond it-Trattati tal-KE/Euratom li l-pubblikazzjoni tagħhom mhijiex obbligatorja)*

# DEĊIŻJONIJIET

# KUNSILL U KUMMISSJONI

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL U L-KUMMISSJONI

**tas-26 ta’ Mejju 2008**

**dwar il-konklużjoni tal-Protokoll għall-Ftehim ta’ Sħubija u Koperazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa waħda u r-Repubblika ta’ l-Armenja min-naħa l-oħra, biex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija ma’ l-Unjoni Ewropea**

(2008/429/KE, Euratom)

IL-KUNSILL ta’ L-UNJONI EWROPEA,

U L-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidraw t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 44(2), l-aħħar sentenza ta’ l-Artikolu 47(2) u l-Artikoli 55, 57(2), 71, 80(2), 93, 94, 133 u 181a, flimkien mat-tieni sentenza ta’ l-Artikolu 300(2) u l-ewwel subparagrafu ta’ l-Artikolu 300(3) tiegħu,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea ta’ l-Enerġija Atomika, u partikolarment it-tieni paragrafu ta’ l-Artikolu 101 tiegħu,

Wara li kkunsidraw l-Att ta’ Adeżjoni tal-Bulgarija u tar-Rumanija, u b’mod partikolari l-Artikolu 6(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Parlament Ewropew [1],

Wara li kkunsidraw l-approvazzjoni tal-Kunsill skond l-Artikolu 101 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea ta’ l-Enerġija Atomika,

Billi:

(1) Il-Protokoll għall-Ftehim ta’ Sħubija u Koperazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa waħda, u r-Repubblika ta’ l-Armenja, min-naħa l-oħra, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija fl-Unjoni Ewropea, ġie ffirmat f’isem il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha fis-27 ta’ Ġunju 2007 skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2007/548/KE [2].

(2) Pendenti d-dħul tiegħu fis-seħħ, il-Protokoll ġie applikat fuq bażi provviżorja mill-1 ta’ Jannar 2007.

(3) Il-Protokoll għandu jiġi approvat,

IDDEĊIDEW KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-Protokoll għall-Ftehim ta’ Sħubija u Koperazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, minn naħa waħda, u r-Repubblika ta’ l-Armenja, min-naħa l-oħra, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija ma’ l-Unjoni Ewropea, qiegħed b’dan jiġi approvat f’isem il-Komunità Ewropea, il-Komunità Ewropea ta’ l-Enerġija Atomika u l-Istati Membri.

[1] Opinjoni mogħtija fl-10 ta’ Lulju 2007 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

[2] ĠU L 202, 3.8.2007, p. 25.

It-test tal-Protokoll huwa anness ma' din id-Deċiżjoni ([1]).

*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill, f'isem il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, għandu jagħti n-notifika prevista fl-Artikolu 3(2) tal-Protokoll ([2]). Il-President tal-Kummissjoni għandu fl-istess waqt jagħti din in-notifika f'isem il-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika.

Magħmula fi Brussell, 26 ta' Mejju 2008.

| *Għall-Kunsill* | *Għall-Kummissjoni* |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |
| D. RUPEL | José Manuel BARROSO |

([1]) ĠU L 202, 3.8.2007, p. 26.
([2]) Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Protokoll ser tiġi pubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.

# DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL U L-KUMMISSJONI

## tas-26 ta' Mejju 2008

## dwar il-konklużjoni tal-Protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija u Koperazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa waħda, u l-Ġeorġja, min-naħa l-oħra, biex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija fl-Unjoni Ewropea

(2008/430/KE, Euratom)

IL-KUNSILL ta' L-UNJONI EWROPEA,

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 44(2), l-aħħar sentenza ta' l-Artikolu 47(2), u l-Artikoli 55, 57(2), 71, 80(2), 93, 94, 133 u 181a, flimkien mat-tieni sentenza ta' l-Artikolu 300(2) u l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 300(3) tiegħu,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika, u partikolarment it-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 101 tiegħu,

Wara li kkunsidraw l-Att ta' Adeżjoni tal-Bulgarija u tar-Rumanija, u b'mod partikolari l-Artikolu 6(2) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Parlament Ewropew [1],

Wara li kkunsidraw l-approvazzjoni tal-Kunsill skond l-Artikolu 101 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika,

Billi:

(1) Il-Protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija u Koperazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa waħda, u l-Ġeorġja, min-naħa l-oħra, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija fl-Unjoni Ewropea, ġie ffirmat f'isem il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha fis-27 ta' Ġunju 2007 skond id-Deċiżjoni tal-Kunsill Nru 2007/548/KE [2].

(2) Pendenti d-dħul tiegħu fis-seħħ, il-Protokoll ġie applikat fuq bażi provviżorja mill-1 ta' Jannar 2007.

(3) Il-Protokoll għandu jiġi approvat,

IDDEĊIDEW KIF ĠEJ:

*Artikolu 1*

Il-Protokoll għall-Ftehim ta' Sħubija u Koperazzjoni bejn il-Komunitajiet Ewropej u l-Istati Membri tagħhom, min-naħa waħda, u l-Ġeorġja, min-naħa l-oħra, sabiex titqies l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Bulgarija u tar-Rumanija fl-Unjoni Ewropea, qiegħed b'dan jiġi approvat f'isem il-Komunità Ewropea, il-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika u l-Istati Membri.

It-test tal-Protokoll huwa anness ma' din id-Deċiżjoni [3].

*Artikolu 2*

Il-President tal-Kunsill, f'isem il-Komunità Ewropea u l-Istati Membri tagħha, għandu jagħti n-notifika prevista fl-Artikolu 3(2) tal-Protokoll [4]. Il-President tal-Kummissjoni għandu fl-istess waqt jagħti din in-notifika f'isem il-Komunità Ewropea ta' l-Enerġija Atomika.

Magħmula fi Brussell, 26 ta' Mejju 2008.

| *Għall-Kunsill* | *Għall-Kummissjoni* |
|---|---|
| *Il-President* | *Il-President* |
| D. RUPEL | José Manuel BARROSO |

[1] Opinjoni mogħtija fl-10 ta' Lulju 2007 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali)
[2] ĠU L 202, 3.8.2007, p. 30.
[3] ĠU L 202, 3.8.2007, p. 31.
[4] Id-data tad-dħul fis-seħħ tal-Protokoll ser tiġi pubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea* mis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill.

# KUNSILL

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**tal-5 ta' Ġunju 2008**

**li tawtorizza lil ċerti Stati Membri li jirratifikaw, jew jaderixxu ma', fl-interess tal-Komunità Ewropea, Konvenzjoni ta' l-Aja ta' l-1996 dwar il-Ġurisdizzjoni, il-Liġi Applikabbli, ir-Rikonoxximent, l-Infurzar u l-Kooperazzjoni fir-rigward tar-Responsabbiltà tal-Ġenituri u Miżuri għall-Protezzjoni tat-Tfal u li tawtorizza lil ċerti Stati Membri li jagħmlu dikjarazzjoni dwar l-applikazzjoni tar-regoli interni rilevanti tal-liġi Komunitarja**

(2008/431/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 61(ċ) u l-Artikolu 67(1) flimkien ma' l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 300(2) u l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 300(3), tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-Opinjoni tal-Parlament Ewropew ([1]),

Billi:

(1) Il-Komunità qed taħdem għall-istabbiliment ta' spazju ġudizzjarju komuni bbażat fuq il-prinċipju ta' rikonoxximent reċiproku ta' deċiżjonijiet ġudizzjarji.

(2) Il-Konvenzjoni dwar il-Ġurisdizzjoni, il-Liġi Applikabbli, ir-Rikonoxximent, l-Infurzar u l-Koperazzjoni fir-rigward tar-Responsabbiltà tal-Ġenituri u Miżuri għall-Protezzjoni tat-Tfal li ġiet konkluża fid-19 ta' Ottubru 1996 fil-Konferenza ta' l-Aja dwar il-Liġi Internazzjonali Privata (minn hawn 'il quddiem imsejħa l-"Konvenzjoni") tagħti kontribut prezzjuż lill-protezzjoni tat-tfal fil-livell internazzjonali. Għalhekk huwa mixtieq li d-dispożizzjonijiet tagħha jiġu applikati kemm jista' jkun malajr.

(3) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/93/KE tad-19 ta' Diċembru 2002 ([2]), awtorizzat lill-Istati Membri, biex jiffirmaw il-Konvenzjoni fl-interess tal-Komunità. Dawk l-Istati li kienu Stati Membri tal-Komunità f'dak iż-żmien iffirmaw il-Konvenzjoni fl-Aja fl-1 ta' April 2003, bl-eċċezzjoni ta' l-Olanda li kienet diġà ffirmat il-Konvenzjoni. Stati Membri oħrajn li ma kienux Stati Membri tal-Komunità fl-1 ta' April 2003 ffirmaw il-Konvenzjoni wkoll.

(4) Bl-adozzjoni tad-Deċiżjoni 2003/93/KE l-Kunsill u l-Kummissjoni qablu li d-Deċiżjoni tiġi segwita minn proposta tal-Kummissjoni għal Deċiżjoni tal-Kunsill li tawtorizza lill-Istati Membri li jirratifikaw, jew jaderixxu mal-Konvenzjoni fl-interess tal-Komunità fil-ħin xieraq.

(5) Xi Stati Membri diġà rratifikaw, jew aderixxew mal-Konvenzjoni.

(6) Ċerti Artikoli tal-Konvenzjoni jaffettwaw il-leġislazzjoni sekondarja Komunitarja dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar tas-sentenzi, b'mod partikolari r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2201/2003 tas-27 ta' Novembru 2003 rigward il-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi f'materji matrimonjali u l-materji tar-responsabbiltà tal-ġenituri ([3]). L-Istati Membri jżommu l-kompetenza tagħhom fl-oqsma koperti mill-Konvenzjoni li ma jaffettwawx il-liġi Komunitarja. B'hekk, il-Komunità u l-Istati Membri jikkondividu l-kompetenza biex jikkonkludu l-Konvenzjoni.

(7) Skond il-Konvenzjoni, l-Istati sovrani biss jistgħu jagħmlu parti minnha. Għal dik ir-raġuni, il-Komunità ma tistax tirratifika, jew taderixxi mal-Konvenzjoni.

(8) Għalhekk il-Kunsill għandu jawtorizza lill-Istati Membri, b'eċċezzjoni, biex jirratifikaw, jew jaderixxu mal-Konvenzjoni fl-interess tal-Komunità, taħt il-kondizzjonijiet stabbiliti f'din id-Deċiżjoni, madankollu mhux dawk l-Istati Membri li diġà rratifikaw, jew aderixxew l-Konvenzjoni.

([1]) ĠU C 82 E, 1.4.2004, p. 307.
([2]) ĠU L 48, 21.2.2003, p. 3.
([3]) ĠU L 338, 23.12.2003, p. 1. Regolament kif l-aħħar emendat permezz tar-Regolament (KE) Nru 2116/2004 (ĠU L 367, 14.12.2004, p. 1).

(9) Sabiex jissalvagwardja l-applikazzjoni tar-regoli Komunitarji dwar ir-rikonoxximent u l-infurzar tas-sentenzi fil-Komunità, l-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni 2003/93/KE ħtieġ li l-Istati Membri jagħmlu dikjarazzjoni fil-ħin ta' l-iffirmar tal-Konvenzjoni.

(10) L-Istati Membri li ffirmaw il-Konvenzjoni fl-1 ta' April 2003 għamlu d-dikjarazzjoni stabbilita fl-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni 2003/93/KE f'dik l-okkażjoni. Stati Membri oħrajn li ma ffirmawx il-Konvenzjoni skond id-Deċiżjoni 2003/93/KE għamlu d-dikjarazzjoni ta' hawn fuq wara l-adeżjoni tagħhom ma' l-Unjoni Ewropea. Madankollu xi Stati Membri m'għamlux id-dikjarazzjoni u għalhekk issa għandhom jagħmlu d-dikjarazzjoni stabbilita fl-Artikolu 2 ta' din id-Deċiżjoni.

(11) L-Istati Membri li huma awtorizzati jirratifikaw, jew jaderixxu mal-Konvenzjoni b'din id-Deċiżjoni, għandhom jagħmlu dan simultanjament. Dawk l-Istati Membri għandhom għalhekk jiskambjaw informazzjoni dwar l-istat tar-ratifika jew il-proċeduri ta' l-adeżjoni sabiex jippreparaw id-depożitu simultanju ta' l-istrumenti tagħhom ta' ratifika, jew adeżjoni.

(12) Ir-Renju Unit u l-Irlanda qed jieħdu sehem fl-adozzjoni u l-applikazzjoni ta' din id-Deċiżjoni.

(13) Skond l-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u mat-Trattat li jistabilixxi il-Komunità Ewropea, id-Danimarka ma tieħux parti fl-adozzjoni ta' din id-Deċiżjoni u mhix marbuta biha jew suġġetta għall-applikazzjoni tagħha,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

1. Il-Kunsill b'dan jawtorizza lill-Belġju, il-Ġermanja, l-Irlanda, il-Greċja, Spanja, Franza, l-Italja, Ċipru, il-Lussemburgu, Malta, l-Olanda, l-Awstrija, il-Polonja, il-Portugall, ir-Rumanija, il-Finlandja, l-Iżvezja u r-Renju Unit biex jirratifikaw, jew jaderixxu mal-Konvenzjoni ta' l-Aja ta' l-1996 dwar il-Ġurisdizzjoni, il-Liġi Applikabbli, ir-Rikonoxximent, l-Infurzar u l-Koperazzjoni fir-rigward tar-Responsabbiltà tal-Ġenituri u Miżuri għall-Protezzjoni tat-Tfal (minn hawn 'il quddiem imsejħa "il-Konvenzjoni"), fl-interess tal-Komunità, suġġett għall-kondizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 3 u 4.

2. It-test tal-Konvenzjoni huwa mehmuż ma' din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Il-Kunsill b'dan jawtorizza lill-Bulgarija, Ċipru, il-Latvja, Malta, l-Olanda u l-Polonja li jagħmlu d-dikjarazzjoni li ġejja:

"L-Artikoli 23, 26 u 52 tal-Konvenzjoni jippermettu lill-Partijiet Kontraenti ċerta flessibbiltà sabiex japplikaw sistema sempliċi u rapida għar-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi. Ir-regoli Komunitarji jipprevedu sistema ta' rikonoxximent u infurzar li hija favorevoli mill-inqas daqs ir-regoli stabbiliti fil-Konvenzjoni. Għaldaqstant, sentenza mogħtija minn Qorti ta' Stat Membru ta' l-Unjoni Ewropea, fir-rigward ta' materja relatata mal-Konvenzjoni, għandha tiġi rikonoxxuta u infurzata fi … ([1])bl-applikazzjoni tar-regoli interni rilevanti tal-liġi Komunitarja ([2]).

([1]) Stat Membru li jagħmel id-dikjarazzjoni.
([2]) Ir-Regolament (KE) Nru 2201/2003 tal-Kunsill għandu rwol speċjali f'dan il-qasam minħabba li huwa relatat mal-ġurisdizzjoni u r-rikonoxximent u l-infurzar ta' sentenzi f'materji matrimonjali u f'materji tar-responsabbiltà tal-ġenituri."

*Artikolu 3*

1. L-Istati Membri msemmija fl-Artikolu 1(1) għandhom jieħdu l-passi meħtieġa biex jiddepożitaw simultanjament l-istrumenti tar-ratifika jew adeżjoni tagħhom mal-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin tar-Renju ta' l-Olanda, jekk jista' jkun qabel il-5 ta' Ġunju 2010.

2. L-Istati Membri msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jiskambjaw l-informazzjoni mal-Kummissjoni fil-Kunsill, qabel il-5 ta' Diċembru 2009, dwar id-data prospettiva ta' meta jitlestew il-proċeduri parlamentari tagħhom meħtieġa għar-ratifika jew l-adeżjoni. Id-data u l-modalitajiet tad-depożitu simultanju għandhom jiġu determinati abbażi ta' dan.

*Artikolu 4*

L-Istati Membri msemmija fl-Artikolu 1(1) għandhom jinfurmaw lill-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin tar-Renju ta' l-Olanda bil-miktub meta l-proċeduri parlamentari tagħhom meħtieġa għar-ratifika jew adeżjoni jkunu twettqu filwaqt li jindikaw li l-istrumenti ta' ratifika jew adeżjoni tagħhom ser jiġu depożitati fi stadju aktar tard skond din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 5*

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-jum tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

*Artikolu 6*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri kollha bl-eċċezzjoni tad-Danimarka, r-Repubblika Ċeka, l-Estonja, il-Litwanja, l-Ungerija, is-Slovenja u s-Slovakkja.

Magħmula fi Brussell, 5 ta' Ġunju 2008.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

D. MATE

TRADUZZJONI

# KONVENZJONI FUQ IL-ĠURISDIZZJONI, IL-LIĠI APPLIKABBLI, RIKONOXXIMENT, INFURZAR U KOOPERAZZJONI DWAR IR-RESPONSABBILTÀ TAL-ĠENITURI U MIŻURI GĦALL-PROTEZZJONI TAT-TFAL

(Konkluż fid-19 ta' Ottubru 1996)

L-Istati firmatarji għal din il-Konvenzjoni,

Waqt li kkunsidraw il-bżonn li tittejjeb il-protezzjoni tat-tfal f'sitwazzjonijiet internazzjonali,

Waqt li jixtiequ jevitaw kunflitti dwar il-ġurisdizzjoni bejn is-sistemi legali tagħhom, il-liġi applikabbli, rikonoxximent u nfurzar ta' miżuri għall-protezzjoni tat-tfal,

Waqt li jiftakkru l-importanza ta' koperazzjoni internazzjonali għall-protezzjoni tat-tfal,

Waqt li jikkonfermaw li l-aħjar interessi tat-tifel għandhom ikunu konsiderazzjoni ewlenija,

Waqt li jinnutaw li l-Konvenzjoni tal-5 t'Ottubru 1961 dwar il-poteri ta' awtoritajiet u l-liġi applikabbli fir-rigward għall-protezzjoni ta' minuri għandha bżonn tiġi riveduta,

Waqt li jixtiequ jistabbilixxu dispożizzjonijiet komuni għal dan il-għan, b'kont meħud tal-Konvenzjoni tal-Ġnus Maqgħuda fuq id-Drittijiet tat-Tfal ta' l-20 ta' Novembru 1989,

Ftehmu fuq id-dispożizzjonijiet li ġejjin:

KAPITOLU I

## L-ISKOP TAL-KONVENZJONI

*Artikolu 1*

1. L-għanijiet ta' din il-Konvenzjoni huma:

(a) li tistabbilixxi l-Istat li l-awtoritajiet tiegħu għandhom ġurisdizzjoni biex jieħdu miżuri diretti lejn il-protezzjoni tal-persuna jew tal-proprjetà tat-tifel;

(b) li tistabilixxi liema liġi għandha tiġi applikata minn dawn l-awtoritajiet fl-eżerċizzju tal-ġurisdizzjoni tagħhom;

(ċ) li tistabbilixxi l-liġi applikabbli lir-reponsabbilità tal-ġenituri;

(d) li tipprovdi għar-rikonoxximent u l-infurzar ta' dawn il-miżuri ta' protezzjoni fl-Istati Kontraenti kollha;

(e) li tistabbilixxi l-kooperazzjoni kif tista' tkun meħtieġa bejn l-awtoritajiet ta' l-Istati Kontraenti sabiex jiġu miksubin l-iskopijiet ta' din il-Konvenzjoni.

2. Għall-iskopijiet ta' din il-Konvenzjoni, it-terminu "responsabbilità tal-ġenituri" jinkludi s-setgħa tal-ġenituri, jew kwalunkwe relazzjoni ta' awtorità analoga li tistabbilixxi d-drittijiet, poteri u responsabiltajiet ta' ġenituri, gwardjani jew rappreżentanti legali oħra fir-rigward tal-persuna jew il-proprjetà tat-tifel.

*Artikolu 2*

Il-Konvenzjoni tapplika għat-tfal mit-twelid tagħhom sakemm jilħqu l-età ta' 18-il sena.

*Artikolu 3*

Il-miżuri msemmija fl-Artikolu 1 jistgħu jkollhom x'jaqsmu partikolarment ma':

(a) l-attribuzzjoni, eżerċizzju, terminazzjoni jew restrizzjoni ta' reponsabbilità tal-ġenituri, kif ukoll mad-delegazzjoni tiegħu;

(b) drittijiet ta' kustodja, inklużi drittijiet dwar il-kura tal-persuna tat-tifel u, partikolarment, id-dritt li tistabbilixxi l-post tar-residenza tat-tifel, kif ukoll id-drittijiet ta' aċċess inkluż id-dritt li tieħu tifel għal perjodu limitat f'post minbarra dak li jikkostitwixxi r-residenza abitwali tat-tifel;

(ċ) tutela, kuratela u istituzzjonijiet simili;

(d) in-nomina u funzjonijiet ta' kwalunkwe persuna jew korp li hija resposabbli għall-persuna jew proprjetà tat-tifel, li tirrapreżenta jew tassisti t-tifel;

(e) it-tqegħid tat-tifel ġo familja foster jew f'kura istituzzjonali, jew l-proviżjoni ta' kura minn "kafala" jew istituzzjoni simili;

(f) is-superviżjoni minn awtorità pubblika tal-kura ta' tifel minn kwalunkwe persuna li hija responsabbli għat-tifel;

(g) l-amministrazzjoni, konservazzjoni jew aljenazzjoni tal-proprjetà tat-tifel.

*Artikolu 4*

Il-Konvenzjoni ma tapplikax għal:

(a) stabbiliment jew kontestazzjoni ta' relazzjoni bejn ġenitur u tifel;

(b) deċiżjonijiet fuq l-adozzjoni, miżuri preparatorji għall-adozzjoni, jew l-annullament jew revoka ta' adozzjoni;

(ċ) l-isem tat-tifel;

(d) emanċipazzjoni;

(e) obligazzjonijiet tal-manteniment;

(f) trusts jew suċċessjoni;

(g) sigurtà soċjali;

(h) miżuri pubbliċi ta' natura ġenerali f'materji ta' edukazzjoni jew saħħa;

(i) miżuri li jirriżultaw minn offiżi penali mwettqin mit-tfal;

(j) deċiżjonijiet fuq id-dritt ta' l-ażil u fuq l-immigrazzjoni.

KAPITOLU II

**ĠURISDIZZJONI**

*Artikolu 5*

1. L-awtoritajiet ġudizzjarji jew amministrattivi ta' l-Istat Kontraenti tar-residenza abitwali tat-tifel għandhom ġurisdizzjoni li jieħdu miżuri bil-għan li jipproteġu l-persuna jew il-proprjetà tat-tifel.

2. Suġġett għall-Artikolu 7, f'każ ta' tibdil fir-residenza abitwali tat-tifel għal Stat Kontraenti ieħor, l-awtoritajiet ta' l-Istat tar-residenza abitwali l-ġdida għandhom ġurisdizzjoni.

*Artikolu 6*

1. Għat-tfal refuġjati u tfal li, minħabba inkwiet fil-pajjiż tagħhom, huma internazzjonalment spostati, l-awtoritatajiet ta' l-Istat Kontraenti fuq it-territorju ta' liema dawn it-tfal huma preżenti bħala riżultat ta' l-ispostament tagħhom, għandhom il-ġurisdizzjoni prevista fl-Artikolu 5(1).

2. Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu ta' qabel dan japplikaw ukoll għal tfal li r-residneza abitwali tagħhom ma tistax tiġi stabbilita.

*Artikolu 7*

1. F'każ ta' tneħħija nġusta jew ritenzjoni tat-tifel, l-awtoritajiet ta' l-Istat Kontraenti li fih it-tifel kien abitwalment jkun residenti immedjatament qabel it-tneħħija jew ritenzjoni, jżommu l-ġurisdizzjoni tagħhom sakemm it-tifel ikun akkwista residenza abitwali fi Stat ieħor, u

(a) kull persuna, istituzzjoni jew korp ieħor li għandu drittijiet ta' kustodja kkunsenta fit-tneħħija jew ritenzjoni; jew

(b) it-tifel għex f'dak l-Istat ieħor għal perjodu ta' mill-inqas sena wara li l-persuna, istituzzjoni jew korp ieħor li għandu drittijiet ta' kustodja għandu jew missu kellu għarfien ta' fejn hu t-tifel, l-ebda talba għar-ritorn li ġiet magħmula f'dak il-perjodu għadha pendenti, u t-tifel qed jgħix ħajja stabbli fl-ambjent ġdid tiegħu jew tagħha.

2. It-tneħħija jew ir-ritenzjoni ta' tifel għandha tiġi kkunsidrata inġusta fejn:

(a) Tikser id-drittijiet ta' kustodja attribwiti lil persuna, istituzzjoni jew korp ieħor, jew konġuntivament jew waħedha, taħt il-liġi ta' l-Istat fejn it-tifel kellu r-residenza abitwali immedjament qabel it-tneħħija jew ritenzjoni; u

(b) fi żmien tat-tneħħija jew ritenzjoni dawk id-drittijiet kienu fil-fatt eżerċitati, jew konġuntivament jew waħedhom, jew kienu jkunu eżerċitati jekk mhux għat-tneħħija jew ritenzjoni.

Id-drittijiet ta' kustodja msemmija hawn fuq fis-subaragrafu (a), jistgħu jqumu partikolarment b'operazzjoni tal-liġi jew minħabba deċiżjoni ġudizzjarja jew amministrattiva, jew minħabba ftehim li għandu effetti legali taħt il-liġi ta' dak l-Istat.

3. Sakemm l-awtoritajiet imsemmijin għall-ewwel darba fil-paragrafu 1 iżommu l-ġurisdizzjoni tagħhom, l-awtoritajiet ta' l-Istati Kontraenti għal liema t-tifel kien spostat jew f'liema hu jew hi kien ritenut jistgħu jieħdu biss dawk il-mizuri urġenti taħt l-Artikolu 11 kif huma neċessarji għall-protezzjoni tal-persuna jew il-proprjetà tat-tifel.

*Artikolu 8*

1. B'eċċezzjoni, l-awtorità ta' Stat Kontraenti li għandha ġurisdizzjoni taħt l-Artikolu 5 jew l-Artikolu 6, jekk tikkusidra li l-awtorità ta' Stat Kontraenti ieħor kienet tkun, fil-każ partikolari, aħjar biex tagħmel stima ta' l-aħjar interessi tat-tifel, tista' jew:

— titlob dik l-awtorità l-oħra, direttament jew bl-assistenza ta' l-Awtorità Ċentrali ta' l-Istat tagħha, tassumi l-ġurisdizzjoni sabiex tieħu dawk il-mizuri ta' protezzjoni li tikkunsidra li huma neċessarji, jew

— tissospendi l-konsiderazzjoni tal-każ u tistieden il-partijiet biex jintroduċu din it-talba qabel l-awtorità ta' dak l-Istat ieħor.

2. L-Istati Kontraenti li l-awtoritajiet tagħhom jistgħu jiġu ndirizzati kif previst fil-paragrafu ta' qabel dan huma:

(a) Stat ta' liema t-tifel huwa ċittadin;

(b) Stat li fih tinstab proprjetà tat-tifel;

(ċ) Stat l-awtoritajiet ta' liema għandhom applikazzjoni għad-divorzju jew separazzjoni legali tal-ġenituri tat-tifel, jew għall-annullament taż-żwieġ tagħhom;

(d) Stat li miegħu t-tifel għandu konnessjoni sostanzjali.

3. L-awtoritajiet involuti jistgħu jipproċedu għal skambju ta' fehmiet.

4. L-awtorità ndirizzata kif previst fil-paragrafu 1 tista' tassumi ġurisdizzjoni, fil-post ta' l-awtorità li għandha ġurisdizzjoni taħt l-Artikolu 5 jew l-Artikolu 6, jekk tikkunsidra li dan huwa fl-aqwa interessi tat-tifel.

*Artikolu 9*

1. Jekk l-awtoritajiet ta' Stat Kontraenti msemmijin fl-Artikolu 8(2), jikkunsidraw li fil-każ partikolari huma f'pożizzjoni aħjar sabiex jagħmlu stima ta' l-aħjar interessi tat-tifel, jistgħu jew:

— jitlobu lill-awtorità kompetenti ta' l-Istat Kontraenti tar-residenza abitwali tat-tifel, direttament jew bl-assistenza ta' l-Awtorita' Ċentrali ta' dak l-Istat, li jkunu awtorizzati biex jeżerċitaw ġurisdizzjoni biex jieħdu l-miżuri ta' protezzjoni li jikkunsidraw neċessarji, jew,

— jistiednu l-partijiet sabiex jintroduċu din it-talba qabel l-awtorità ta' l-Istat Konraent tar-residenza abitwali tat-tifel.

2. L-awtoritajiet involuti jistgħu jipproċedu għal skambju ta' fehmiet.

3. L-awtorità li tibda t-talba tista' teżerċita ġurisdizzjoni minflok l-awtorità ta' l-Istat Kontraent tar-residenza abitwali tat-tifel biss jekk l-awtorità ta' l-aħħar aċċetat it-talba.

*Artikolu 10*

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikoli 5 sa 9, l-awtoritajiet ta' Stat Kontraent li jeżerċitaw ġurisdizzjoni li jiddeċiedu applikazzjoni għad-divorzju jew separazzjoni legali tal-ġenituri ta' tifel li abitwalment jkun residenti fi Stat Kontraenti ieħor, jew għall-annullament taż-żwieġ tagħhom, jistgħu, jekk il-liġi ta' l-Istat tagħhom hekk tipprovdi, jieħdu miżuri bil-għan li jipproteġu l-persuna jew il-proprjetà ta' dan it-tifel jekk:

(a) fil-ħin tal-bidu tal-proċeduri, wieħed mill-ġenituri tiegħu jew tagħha abitwalment jkun residenti f'dak l-Istat u wieħed minnhom għandu r-responsabbiltà tal-ġenituri fir-rigward tat-tifel, u

(b) il-ġurisdizzjoni ta' dawn l-awtoritajiet biex jieħdu dawn il-miżuri hi aċċettata mill-ġenituri, kif ukoll minn kwalunkwe persuna oħra li għandha r-responsabbiltà tal-ġenituri fir-rigward tat-tifel, u hi fl-aħjar interessi tat-tifel.

2. Il-ġurisdizzjoni prevista mill-paragrafu 1 biex jittieħdu miżuri għall-protezzjoni tat-tifel tieqaf malli d-deċiżjoni li taċċetta jew tirrifjuta l-applikazzjoni għad-divorzju, is-separazzjoni legali jew l-annullament taż-żwieġ tkun saret *res judicata*, jew il-proċeduri ngħalqu għal raġuni oħra.

*Artikolu 11*

1. F'kull każ ta' urġenza, l-awtoritajiet ta' kwalunkwe Stat Kontraenti, fit-territorju ta' liema huwa preżenti t-tifel jew proprjetà tat-tifel, għandhom ġurisdizzjoni biex jieħdu kwalunkwe miżuri ta' protezzjoni neċessarji.

2. L-effetti tal-miżuri meħudin taħt il-paragrafu ta' qabel dan b'rigward tifel li abitwalment jkun residenti f'Stat Kontraenti għandhom jieqfu malli l-awtoritajiet li għandhom ġurisdizzjoni taħt l-Artikoli 5 sa 10 ħadu l-miżuri meħtieġa mis-sitwazzjoni.

3. L-effetti ta' miżuri meħudin taħt paragrafu 1 fir-rigward tat-tifel li abitwalment jkun residenti f'Stat mhux Kontraenti għandhom jieqfu f'kull Stat Kontraenti malli miżuri meħtieġa mis-sitwazzjoni u meħudin mill-awtoritajiet ta' Stat ieħor huma rikonoxxuti fl-Istati Kontraenti in kwistjoni.

*Artikolu 12*

1. Bla ħsara għall-Artikolu 7, l-awtoritajiet ta' Stat Kontraenti, fit-territorju ta' liema hu preżenti t-tifel jew proprjetà tat-tifel, għandhom ġurisdizzjoni biex jieħdu miżuri ta' natura proviżorja għall-protezzjoni tal-persuna jew proprjetà tat-tifel li għandhom effett territorjali limitat għall-Istat in kwistjoni, sakemm dawn il-miżuri mhumiex inkompatibli ma' miżuri li jkunu ttieħdu minn awtoritajiet li għandhom ġurisdizzjoni taħt l-Artikoli 5 sa 10.

2. Il-miżuri meħudin taħt il-paragrafu ta' qabel fir-rigward tat-tifel li abitwalment jkun residenti fi Stat Kontraenti għandhom jispiċċaw malli l-awtoritajiet li għandhom ġurisdizzjoni taħt l-Artikoli 5 sa 10 jkunu ħadu deċiżjoni fir-rigward tal-miżuri ta' protezzjoni li jistgħu jkunu meħtieġa mis-sitwazzjoni.

3. Il-miżuri meħudin taħt paragrafu 1 b'rigward ta' tifel li abitwalment jkun residenti fi Stat mhux Kontraenti għandom jispiċċaw fl-Istat Kontraenti fejn il-miżuri kienu meħudin malli miżuri meħtieġa mis-sitwazzjoni u meħudin mill-awtoritajiet ta' Stat ieħor jiġu rikonoxxuti fl-Istat Kontraenti in kwistjoni.

*Artikolu 13*

1. L-awtoritajiet ta' Stat Kontraenti li għandhom ġurisdizzjoni taħt l-Artikoli 5 sa 10 li jieħdu miżuri għall-protezzjoni tal-persuna jew proprjetà tat-tifel għandhom jastjenu milli jeżerċitaw din il-ġurisdizzjoni jekk, fil-ħin tal-bidu tal-proċeduri, miżuri korrispondenti kienu mitlubin mill-awtoritajiet ta' Stat Kontraenti ieħor li għandu ġurisdizzjoni taħt l-Artikoli 5 sa 10 fil-ħin tat-talba u għadhom taħt konsiderazzjoni.

2. Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu ta' qabel dan m'għandhomx jgħoddu jekk l-awtoritajiet quddiem liema t-talba għal miżuri kienet inizjalment introdotta ma aċċettawx il-ġurisdizzjoni.

*Artikolu 14*

Il-miżuri meħudin skond l-Artikoli 5 sa 10 jibqgħu fis-seħħ skond it-termini tagħhom, anki jekk bidla fiċ-ċirkostanzi eliminat il-bażi fuq liema kienet mibnija l-ġurisdizzjoni, sakemm l-awtoritajiet li għandhom ġurisdizzjoni taħt il-Konvenzjoni ma mmodifikawx, bidlu jew waqqfu dawn il-miżuri.

KAPITOLU III

**LIĠI APPLIKABBLI**

*Artikolu 15*

1. Fl-eżerċizju tal-ġurisdizzjoni tagħhom taħt id-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu II, l-awtoritajiet ta' l-Istati Kontraenti għandhom japplikaw il-liġi tagħhom.

2. Madankollu, sa fejn il-protezzjoni tal-persuna jew tal-proprjetà tat-tifel jeħtieġ, jistgħu eċċezzjonalment japplikaw jew jieħdu in konsiderazzjoni il-liġi ta' Stat ieħor ma' liema s-sitwazzjoni għandha konnessjoni sostanzjali.

3. Jekk ir-residenza abitwali tat-tifel tinbidel għal Stat Kontraenti ieħor, il-liġi ta' dak l-Istat ieħor tibda tirregola, mill-ħin tal-bidla, il-kondizzjonijiet ta' l-applikazzjoni tal-miżuri meħudin fl-Istat tar-residenza abitwali ta' qabel.

*Artikolu 16*

1. L-attribuzzjoni jew estinzjoni tar-responsabbiltà tal-ġenituri b'operazzjoni tal-liġi, mingħajr intervenzjoni ta' awtorità ġudizzjarja jew amministrattiva, hi rregolata mil-liġi ta' l-Istat tar-residenza abitwali tat-tifel.

2. L-attribuzzjoni jew l-estinzjoni tar-responsabbiltà tal-ġenituri permezz ta' ftehim jew att unilaterali, mingħajr l-intervent ta' awtorità ġudizzjarja jew amministrattiva, hi rregolata mil-liġi ta' l-Istat tar-residenza abitwali tat-tifel fiż-żmien meta l-ftehim jew att unlilaterali jieħu effett.

3. Ir-responsabbiltà tal-ġenituri li teżisti taħt il-liġi ta' l-Istat tar-residenza abitwali tat-tifel tkompli wara bidla ta' dik ir-residenza abitwali għal Stat ieħor.

4. Jekk ir-residenza abitwali tat-tifel tinbidel, l-attribuzzjoni tar-responsabbiltà tal-ġenituri permezz ta' l-operazzjoni tal-liġi lil persuna li m'għandhiex diġà din ir-responsabbiltà hi rregolata mil-liġi ta' l-Istat tar-residenza abitwali ġdida.

*Artikolu 17*

L-eżerċizzju tar-responsabbiltà tal-ġenituri hi rregolata mil-liġi ta' l-Istat tar-residenza abitwali tat-tifel. Jekk ir-residenza abitwali tat-tifel tinbidel, hi rregolata mil-liġi ta' l-Istat tar-residenza abitwali ġdida.

*Artikolu 18*

Ir-responsabbiltà tal-ġenituri msemmija fl-Artikolu 16 tista' tiġi tterminata, jew il-kondizzjonijiet ta' l-eżerċizzju tagħha mmodifikati, minn miżuri meħudin taħt din il-Konvenzjoni.

*Artikolu 19*

1. Il-validità ta 'transazzjoni magħmula bejn parti terza u persuna oħra li tkun intitolata li taġġixxi bħala r-rappreżentant legali tat-tifel taħt il-liġi ta' l-Istat fejn it-transazzjoni kienet saret ma tistax tiġi kkontestata, u l-parti terza ma tistax tinsab ħatja, fuq il-bażi tar-raġuni unika li l-persuna l-oħra ma kenitx intitolata taġġixxi bħala r-rappreżentant legali taħt il-liġi indikata mid-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu, sakemm il-parti terza kienet taf jew jew kellha tkun taf li r-responsabbiltà tal-ġenituri kienet irregolata mil-liġi ta' l-aħħar.

2. Il-paragrafu ta' qabel dan jgħodd biss jekk it-transazzjoni kienet magħmula bejn persuni preżenti fuq it-teritorju ta' l-istess Stat.

*Artikolu 20*

Id-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu jgħoddu anki jekk il-liġi indikata minnhom hija l-liġi ta' Stat li mhux Kontraenti.

*Artikolu 21*

1. F'dan il-Kapitolu t-terminu "liġi" jfisser il-liġi fis-seħħ fi Stat minbarra r-regoli tiegħu dwar l-għażla tal-liġi (*choice of law rules*).

2. Madankollu, jekk il-liġi applikabbli skond l- Artikolu 16 hi dik ta' Stat li mhuwiex Kontraenti u jekk ir-regoli dwar l-għażla tal-ligi (*choice of law rules*) ta' dak l-Istat jinnominaw il-liġi ta' Stat mhux Kontraenti ieħor li kien japplika l-liġi tiegħu, il-liġi ta' l-Istat ta' l-aħħar japplika. Jekk dak l-Istat mhux Kontraenti ieħor ma kienx japplika l-liġi proprja, il-liġi applikabbli hi dik indikata fl-Artikolu 16.

*Artikolu 22*

L-appliakazzjoni tal-ligi indikata mid-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu tista' tiġi rrifjutata biss jekk din l-applikazzjoni kienet tkun tmur manifestament kontra l-ordni pubbliku, b'kont meħud ta' l-aħjar interessi tat-tifel.

KAPITOLU IV

**RIKONOXXIMENT U INFURZAR**

*Artikolu 23*

1. Il-miżuri meħudin mill-awtoritajiet ta' l-Istat Kontraenti għandhom jiġu rikonoxxuti skond l-operazzjoni tal-liġi fl-Istati Kontraenti oħra kollha.

2. Rikonoxximent jista' madankollu jiġi rrifjutat:

(a) jekk il-miżura ttieħdet minn awtorità l-ġurisdizzjoni ta' liema ma kenitx ibbazata fuq waħda mir-raġunijiet previsti fil-Kapitolu II;

(b) jekk il-miżura ttieħdet, ħlief f'każ t'urġenza, fil-kuntest ta' proċeduri ġudizzjarji jew amministrattivi, mingħajr ma tkun ingħatat opportunità lit-tifel biex jinstema, bi ksur tal-prinċipji fundamentali tal-proċedura ta' l-Istat rikjest;

(ċ) fuq it-talba ta' kwalunkwe persuna li tippretendi li l-miżura tikser ir-responsabbiltà tal-ġenitur tiegħu jew tagħha, jekk din il-miżura kienet meħuda, ħlief f'każ t'urġenza, mingħajr ma din il-persuna tkun ingħatat opportunità biex tinstema;

(d) jekk dan ir-rikonoxximent jmur manifestament kontra għall-ordni pubbliku ta' l-Istat rikjest, b'kont meħud ta' l-aħjar interessi tat-tifel;

(e) jekk il-miżura hi inkompatibbli ma' miżura meħuda aktar tard fl-Istat mhux Kontraenti tar-residenza abitwali tat-tifel, fejn din il-miżura meħuda aktar tard taderixxi mar-rekwiżiti għar-rikonoxximent fl-Istat rikjest;

(f) jekk il-proċedura prevista fl-Artikolu 33 ma kenitx segwita.

*Artikolu 24*

Mingħajr preġudizzju għal l-Artikolu 23(1), kwalunkwe persuna interessata tista' titlob lill-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Kontraenti li jiddeċiedu fuq ir-rikonoxximent jew nuqqas ta' rikonoxximent ta' miżura meħuda fi Stat Kontraenti ieħor. Il-proċedura hi rregolata mil-liġi ta' l-Istat rikjest.

*Artikolu 25*

L-awtorità ta' l-Istat rikjest hi marbuta konklużjonijiet ta' fatt fuq liema l-awtorità ta' l-Istat fejn ittieħdet il-miżura bbażat il-ġurisdizzjoni tagħha.

*Artikolu 26*

1. Jekk miżuri meħudin fi Stat Kontraenti wieħed u nfurzabbli hemm jeħtieġu nfurzar fi Stat Kontraenti ieħor, għandhom, fuq talba minn parti interessata, jiġu ddikjarati infurzabbli jew reġistrati għall-għan ta' infurzar f'dak l-Istat ieħor skond il-proċedura prevista fil-liġi ta' l-Istat ta' l-aħħar.

2. Kull Stat Kontraenti għandu japplika proċedura sempliċi u rapida fir-rigward tad-dikjarazzjoni ta' infurzabblità jew reġistrazzjoni.

3. Id-dikjarazzjoni ta' infurzabblità jew reġistrazzjoni tista' tiġi rrifjutata biss għal waħda mir-raġunijiet stabbiliti fl-Artikolu 23(2).

*Artikolu 27*

Mingħajr preġudizzju għar-reviżjoni kif hi neċċessarja fl-applikazzjoni ta' l-Artikoli ta' qabel dan, m'għandux ikun hemm reviżjoni tal-merti tal-miżura meħuda.

*Artikolu 28*

Miżuri meħudin fi Stat Kontraenti wieħed u ddikjarati infurzabbli, jew reġistrati għall-infurzar, fi Stat Kontraenti ieħor għandhom jiġu nfurzati fl-Istat ta' l-aħħar bħallikieku kienu meħudin mill-awtoritajiet ta' dak l-Istat. L-infurzar jseħħ skond il-liġi ta' l-Istat rikjest sal-punt previst minn din il-liġi, b'kont tenut ta' l-aħjar interessi tat-tifel

KAPITOLU V

**KOPERAZZJONI**

*Artikolu 29*

1. Stat Kontraenti għandu jinnomina Awtorità Ċentrali biex twettaq id-doveri li kienu imposti mill-Konvenzjoni fuq dawn l-awtoritajiet.

2. Stati Federali, Stati b'iżjed minn sistema waħda ta' liġi jew Stati li għandhom unitajiet territorjali awtonomi għandhom ikunu ħielsa li jaħtru iżjed minn Awtorità Ċentrali waħda u li jispeċifikaw il-limitu territorjali jew personali tal-funzjonijiet tagħhom. Fejn Stat ħatar iżjed minn Awtorità Ċentrali waħda, għandu jinnomina l-Awtorità Ċentrali lil liema kwalunkwe komunikazzjoni tista' tiġi indirizzata għat-trażmissjoni lill-Awtorità Ċentrali xierqa f'dak l-Istat.

*Artikolu 30*

1. L-Awtoritajiet Ċentrali għandhom jikooperaw ma' xulxin u jipporomovu l-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti fl-Istati tagħhom sabiex jilħqu l-għanijiet tal-Konvenzjoni.

2. Dwar l-applikazzjoni tal-Konvenzjoni, huma għandhom jieħdu l-passi xierqa biex jipprovdu informazzjoni dwar il-liġijiet ta', u s-servizzi disponibbli fl-Istati tagħhom li jirrigwardaw il-protezzjoni tat-tfal.

*Artikolu 31*

L-Awtorità Ċentrali ta' l-Istat Kontraenti, direttament jew permezz ta' awtoritajiet pubbliċi jew organi oħra, għandha tieħu l-passi xierqa kollha biex:

(a) tiffaċilita l-komunikazzjonijiet u toffri l-assistenza prevista fl-Artikoli 8 u 9 u f'dan il-Kapitolu;

(b) tiffaċilita, permezz ta' medjazzjoni, konċiljazzjoni jew mezzi simili, soluzzjonijiet miftehmin għall-protezzjoni tal-persuna jew proprjetà tat-tifel f'sitwazzjonijet fejn tapplika l-Konvenzjoni;

(ċ) tipprovdi, fuq it-talba ta' awtorità kompetenti ta' Stat Kontraenti ieħor, assistenza fl-iskopertà ta' fejn jinstab it-tifel fejn jidher li t-tifel jista' jkun preżenti u fi bżonn ta' protezzjoni ġewwa t-territorju ta' l-Istat rikjest.

*Artikolu 32*

Fuq talba magħmula b'raġunijiet li jsostnuha mill-Awtorità ċentrali jew awtorità kompetenti oħra ta' kwalunkwe Stat Kontraenti ma' liema t-tifel għandu konnessjoni sostanzjali, l-Awtorità ċentrali ta' l-Istat Kontraenti fejn it-tifel abitwalment jkun residenti u preżenti tista', direttament jew permezz ta' awtoritajiet pubbliċi jew organi oħra:

(a) tipprovdi rapport fuq is-sitwazzjoni tat-tifel;

(b) titlob lill-awtorità kompetenti ta' l-Istat tagħha biex tikkunsidra l-bżonn li tieħu miżuri għall-protezzjoni tal-persuna jew proprjetà tat-tifel.

*Artikolu 33*

1. Jekk awtorità li għandha ġurisdizzjoni taħt l-Artikoli 5 sa 10 tikkontempla t-tqegħid tat-tifel ġo familja foster jew kura istituzzjonjonali, jew l-proviżjoni ta' kura minn "kafala" jew istituzzjoni analoga, u jekk dan it-tqegħid jew din il-proviżjoni ta' kura għandha sseħħ fi Stat Kontraenti ieħor, għandha l-ewwel tikkonsulta ma' l-Awtorità Ċentrali jew awtorità kompetenti oħra ta' l-Istat Kontraenti ta' l-aħħar. Għal dak il-għan tittrażmetti rapport fuq it-tifel flimkien mar-raġunijiet għat-tqegħid propost jew proviżjoni ta' kura.

2. Id-deċiżjoni fuq it- tqegħid jew proviżjoni ta' kura tista' tiġi magħmula fl-Istat rikjest biss jekk l-Awtorità Ċentrali jew awtorità kompetenti oħra ta' l-Istat rikjest ikkonsentit għat-tqegħid jew provizjoni ta' kura, b'kont meħud ta' l-aħjar interessi tat-tifel.

*Artikolu 34*

1. Fejn miżura ta' protezzjoni hi kkontemplata, l-awtoritajiet kompetenti taht il-Konvenzjoni, jekk is-sitwazzjoni tat-tifel hekk jeħtieġ, jistgħu jitolbu kwalunkwe awtorità ta' Stat Kontraenti ieħor li għandha informazzjoni rilevanti għall-protezzjoni tat-tifel li tikkomunika din l-informazzjoni.

2. Stat Kontraenti jista' jiddikjara li talbiet taħt il-paragrafu 1 għandhom jiġu kkomunikati lill-awtoritajiet tiegħu biss permezz ta' l-Awtorità Ċentrali tiegħu.

*Artikolu 35*

1. L-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Kontraenti jistgħu jitolbu lill-awtoritajiet ta' Stat Kontraenti ieħor biex jassistu fl-implimentazzjoni ta' miżuri ta' protezzjoni meħudin taħt din il-Konvenzjoni, speċjalment fl-assigurazzjoni ta' l-eżerċizzju effettiv ta' drittijiet t'aċċess kif ukoll id-dritt li jżommu kuntatti diretti fuq bażi regolari.

2. L-awtoritajiet ta' Stat Kontraenti li fih it-tifel ma jkunx abitwalment residenti jistgħu, fuq it-talba ta' ġenitur li jgħix f'dak l-Istat li qed ifittex li jikseb jew li jżomm aċċess għat-tifel, jiġbru informazzjoni jew prova u jistgħu jirrelataw dwar l-adattezza ta' dak il-ġenitur sabiex jeżerċita aċċess u dwar il-kondizzjonijiet taħt liema l-aċċess għandu jiġi eżerċitat. Awtorità li teżerċita ġurisdizzjoni taħt l-Artikoli 5 sa 10 biex tistabbilixxi applikazzjoni dwar aċċess għat-tifel, għandha taċċetta u tikkunsidra dik l-informazzjoni, prova u riżultati qabel ma tilhaq id-deċiżjoni tagħha.

3. Awtorità li għandha ġurisdizzjoni taħt l-Artikoli 5 sa 10 li tiddeċiedi fuq l-aċċess tista' taġġorna proċedura pendenti r-riżultat ta' talba magħmula taħt il-paragrafu 2, partikolarment, meta qed tikkunsidra applikazzjoni biex tirrestrinġi jew ittemm drittijiet t'aċċess mogħtija fl-Istat tar-residenza abitwali tat-tifel ta' qabel.

4. Xejn f'dan l-Artikolu ma għandu jipprevjeni awtorità li għandha ġurisdizzjoni taħt l-Artikoli 5 sa 10 milli tieħu miżuri temporanji pendenti r-riżultat tat-talba magħmula taħt il-paragrafu 2.

*Artikolu 36*

Fi kwalunkwe każ fejn it-tifel hu espost għal periklu serju, l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Kontraenti fejn miżuri għall-protezzjoni tat-tifel ittieħdu jew qegħdin taħt kusiderazzjoni, jekk huma infurmati li r-residenza tat-tifel nbiddlet għal, jew li t-tifel hu preżenti fi Stat ieħor, għandhom jinfurmaw l-awtoritajiet ta' dak l-Istat ieħor dwar il-periklu involut u l-miżuri meħudin jew taħt kunsiderazzjoni.

*Artikolu 37*

Awtorità m'għandhiex titlob jew titrasmetti kwlaunkwe informazzjoni taħt dan il-Kapitolu jekk dan, fl-opinjoni tagħha, x'aktarx ipoġġi l-persuna jew il-proprjetà tat-tifel in periklu, jew jikkostitwixxi thedida serja lil-libertà jew ħajja ta' membru tal-familja tat-tifel.

*Artikolu 38*

1. Mingħajr preġudizzju għall-possibiltà li jimponu ħlasijiet raġonevoli għall-proviżjoni ta' servizzi, Awtoritajiet Ċentrali u awtoritajiet pubbliċi oħra ta' Stati Kontraenti għandhom iġorru l-ispejjeż tagħhom fl-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan il-Kapitolu.

2. Kwalunkwe Stat Kontraenti jista' jidħol fi ftehimiet ma' wieħed jew iżjed Stati Kontraenti oħra dwar l-allokazzjoni ta' ħlasijiet.

*Artikolu 39*

Kwalunkwe Stat Kontraenti jista' jidħol fi ftehimiet ma' wieħed jew aktar Stati Kontraenti oħra bil-għan li tittejjeb l-applikazzjoni ta' dan il-Kapitolu fir-relazzjonijiet reċiproċi tagħhom. L-Istati li kkonkludew ftehim bħal dan għandhom jittrażmettu kopja lid-depożitarju tal-Konvenzjoni.

KAPITOLU VI

**DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI**

*Artikolu 40*

1. L-awtoritajiet ta' l-Istat Kontraenti tar-residenza abitwali tat-tifel, jew ta' l-Istat Kontraenti fejn ittieħdet miżura ta' protezzjoni, tista' tagħti lill-persuna li għandha r-responsabbiltà tal-ġenituri jew lill-persuna li għandha l-protezzjoni tal-persuna jew tal-proprjetà tat-tifel, fuq it-talba tiegħu jew tagħha, ċertifikat li jindika l-kapaċità li biha l-persuna hi intitolata li taġixxi u l-poteri mogħtija lilu jew lilha.

2. Il-kapaċitajiet u poteri indikati fiċ-ċertifikat huma meqjusin li jappartienu lil dik il-persuna, fl-assenza ta' prova kontrarja.

3. Kull Stat Kontraenti għandu jinnomina l-awtoritajiet kompetenti li jagħmlu ċ-ċerifikat.

*Artikolu 41*

Id-*data* personali miġbura jew trażmessa taħt il-Konvenzjoni għandha tiġi użata biss għall-għanijiet għal liema kienu miġburin jew trażmessi.

*Artikolu 42*

L-awtoritajiet lil liema informazzjoni hi trasmessa għandhom jassiguraw il-konfidenzjalità tagħha, skond il-liġi ta' l-Istat tagħhom.

*Artikolu 43*

Id-dokumenti kollha mgħoddija jew ikkunsinjati taħt din il-Konvenzjoni għandhom ikunu eżenti mil-leġiżlazzjoni jew kwalunkwe formalità simili.

*Artikolu 44*

Kull Stat Kontraenti jista' jinnomina l-awtoritajiet lil liema talbiet taħt l- Artikoli 8, 9 u 33 għandhom ikunu indirizzati.

*Artikolu 45*

1. Id-deskrizzjonijiet imsemmijin fl-Artikoli 29 u 44 għandhom ikunu komunikati lil Bureau Permanenti tal-Konferenza ta' l-Aja fuq id-Dritt Internazzjonali Privat.

2. Id-dikjarazzjoni msemmija fl-Artikolu 34(2), għandha tiġi magħmula lid-depożitarju tal-Konvenzjoni.

*Artikolu 46*

Stat Kontraenti li fih sistemi ta' liġi jew settijiet ta' regoli tal-liġi differenti japplikaw għall-protezzjoni tat-tifel u l-proprjetà tiegħu jew tagħha m'għandhomx ikunu marbutin li japplikaw ir-regoli ta' din il-Konvenzjoni lill-kunflitti unikament bejn dawn is-sistemi ta' liġi jew settijiet ta' regoli tal-liġi differenti.

*Artikolu 47*

Fir-rigward ta' Stat li fih tnejn jew aktar sistemi ta' liġi jew settijiet ta' regoli tal-liġi fir-rigward ta' kwalunkwe ħaġa li titratta din il-Konvenzjoni japplikaw f'unitajiet territorjali differenti:

1. kwalunkwe riferenza għar-residenza abitwali f'dak l-Istat għandu jittieħed bħala r-residenza abitwali f'unità territorjali;

2. kwalunkwe riferenza għall-presenza tat-tifel f'dak l-Istat għandu jiġi jittieħed bħala riferenza għall-preżenza f'unità territorjali;

3. kwalunkwe riferenza għal-lokalità ta' proprjetà tat-tifel f'dak l-Istat għandha tiġi meħuda bħala riferenza għal-lokalità ta' proprjetà tat-tifel f'unità territorjali;

4. kwalunkwe riferenza għall-Istat ta' liema t-tifel huwa ċittadin għandha tittieħed bħala riferenza għall-unità territorjali nnominata mil-liġi ta' dak l-Istat jew, fl-assenza ta' regoli rilevanti, għall-unità territorjali ma' liema t-tifel għandu l-konnessjoni l-aktar viċina;

5. kwalunkwe riferenza għall-Istat l-awtoritajiet ta' liema għandhom applikazzjoni għad-divorzju jew separazzjoni legali tal-ġenituri tat-tifel, jew għall-annullament taż-żwieġ tagħhom, għandha tittieħed bħala riferenza għall-unità territorjali l-awtoritajiet ta' liema għandhom din l-applikazzjoni;

6. kwalunkwe riferenza għall-Istat ma' liema t-tifel għandu konnessjoni sostanzjali għandha tiġi meħuda bħala riferenza għall-unità territorjali ma' liema t-tifel għandu din il-konnessjoni;

7. kwalunkwe riferenza għall-Istat minn fejn tneħħa it-tifel jew fejn qed qiegħda jinżamm/tinżamm għandha tittieħed bħala riferenza lill-unità territorjali lil liema t-tifel ġie mneħħi jew ġo liema hu jew hi ġie ritenut;

8. kwalunkwe riferenza lill-awtoritajiet jew korpijiet ta' dak l-Istat, barra l-Awtoritajiet ċentrali, għandha tiġi meħuda bħala riferenza għal dawk awtorizzati li jaġixxu fl-unità territorjali rilevanti;

9. kwalunkwe riferenza għal-liġi jew proċedura jew awtorità ta' l-Istat ġo liema l-miżura ttieħdet għandha tiġi meħuda bħala riferenza għal-liġi jew proċedura jew awtorità ta' l-unità territorjali ġo liema din il-miżura ttieħdet;

10. kwalunkwe riferenza għal-liġi jew proċedura jew awtorità ta' l-Istat rikjest għandha tiġi meħuda bħala riferenza għal-liġi jew il-proċedura jew l-awtorità ta' l-unità territorjali ġo liema rikonoxximent jew infurzar hu mfittex.

*Artikolu 48*

Għall-iskop ta' l-identifikazzjoni tal-liġi applikabbli taħt il-Kapitolu III, fir-rigward ta' Stat li jikkomprendi tnejn jew aktar unitajiet territorjali li kull waħda minnhom għandha s-sistema ta' liġi proprja jew settijiet ta' regoli tal-liġi rigwardanti kwistjonijiet koperti minn din il-Konvenzjoni, ir-regoli li ġejjin japplikaw:

(a) jekk hemm regoli fis-seħħ f'dan l-Istat li jiddentifikaw il-liġi ta' liema unità territorjali hija applikabbli, il-liġi ta' dik l-unità tapplika;

(b) fl-assenza ta' dawn ir-regoli, il-liġi ta' l-unità territorjali rilevanti kif definita fl- Artikolu 47 tapplika.

*Artikolu 49*

Għall-iskop ta' l-identifikazzjoni tal-liġi applikabbli taħt il-Kapitolu III, fir-rigward ta' Stat li għandu tnejn jew aktar sistemi ta' liġi jew settijiet ta' regoli tal-liġi applikabbi għal kategoriji differenti ta' persuni rigward kwistjonijiet koperti minn din il-Konvenzjoni, ir-regoli li ġejjin japplikaw:

(a) jekk hemm regoli fis-seħħ f'dan l-Istat li jiddentikikaw liema fost dawn il-liġijiet tapplika, dik il-liġi tapplika;

(b) fl-assenza ta' dawn ir-regoli, il-liġi tas-sistema jew tas-settijiet ta'regoli tal-liġi ma liema t-tifel għandu l-konessjoni l-aktar viċina tapplika.

*Artikolu 50*

Din il-Konvenzjoni m'għandhiex taffetwa l-Konvenzjoni tal-25 t'Ottubru 1980 fuq l-Aspetti Ċivili tal-Ħtif Internazzjonali tat-Tfal, kif bejn Partijiet għaż-żewġ Konvenzjonijiet. Xejn, madankollu, ma jipprekludi dispożizzjonijiet ta' din il-Konvenzjoni milli jiġu nvokati għall-iskopijiet tal-ksubija tar-ritorn ta' tifel li kien tneħħa jew irritenut inġustament jew ta' organizazzjoni ta' drittijiet ta'aċċess.

*Artikolu 51*

F'relazzjonijiet bejn l-Istati Kontraenti, din il-Konvenzjoni tieħu l-post tal-Konvenzjoni tal-5 t'Ottubru 1961 dwar il-poteri ta'awtoritajiet u l-liġi applikabbli fir-rigward għall-protezzjoni ta' minuri, u l-Konvenzjoni li tirregola t-tutela ta' minuri, iffirmata fl-Aja it-12 ta' Ġunju 1902, mingħajr preġudizzju għar-rikonoxximnet ta' miżuri meħudin taħt il-Konvenzjoni tal-5 t'Ottubru 1961 imsemmija hawn fuq.

*Artikolu 52*

1. Din il-Konvenzjoni ma taffetwa l-ebda strument internazzjonali għal liema Stati Kontraenti huma Partijiet u li jinsabu ġo fiha dispożizzjonijiet fuq materiji irregolati mill-Konvenzjoni, sakemm ma ssirx dikjarazzjoni kontrarja mill-Istati, Partijiet għal dan l-istrument.

2. Din il-Konvenzjoni ma taffetwax il-possibiltà għal wieħed jew aktar mill-Istati Kontraenti li jikkonkludu ftehimiet li jkunu jinsabu fihom, fir-rigward ta' tfal li abitwalment jkunu residenti fi kwalunkwe mill-Istati, Partijiet għal dawn il-ftehimiet, dispożizzjonijiet fuq materji irregolati minn din il-Konvenzjoni.

3. Ftehimiet li għandhom jiġu konklużi minn wieħed jew aktar mill-Istati Kontraenti fuq materji fl-iskop ta' din il-Konvenzjoni ma jaffetwawx, fir-relazzjoni ta' dawn l-Istati ma' Stati Kontraenti oħra, l-applikazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' din il-Konvenzjoni.

4. Il-paragrafi ta' qabel dan japplikaw ukoll lil-liġijiet uniformi bbażati fuq rbit speċjali ta' natura reġjonali jew oħra bejn l-Istati in kwistjoni.

*Artikolu 53*

1. Il-Konvenzjoni għandha tgħodd għall-miżuri biss jekk huma meħudin fi Stat wara l-Konvenzjoni ġiet fis-seħħ għal dak l-Istat.

2. Il-Konvenzjoni għandha tgħodd għar-rikonoxximent u l-infurzar ta' miżuri meħudin wara d-dħul fis-seħħ bejn l-Istat fejn il-miżuri ġew meħudin u l-Istat rikjest.

*Artikolu 54*

1. Kwalunkwe komunikazzjoni mibgħuta lill-Awtorità Ċentral jew lill-awtorità oħra ta' Stat Kontraenti għandu jkun fil-lingwa oriġinali, u għandha tkun akkumpanjati b'traduzzjoni għal-lingwa uffiċjali jew waħda mil-lingwi uffiċjali ta' l-Istat ieħor jew, fejn dan mhux possibbli, traduzzjoni għall-Franċiż jew l-Ingliż.

2. Madankollu, Stat Kontraenti jista', billi jagħmel riżerva skond l-Artikolu 60, jagħmel oġġezzjoni għall-użu jew tal-Franċiż jew l-Ingliż, imma mhux għat-tnejn.

*Artikolu 55*

1. Stat Kontraenti jista', skond l-Artikolu 60:

(a) jirriżerva l-ġurisdizzjoni ta' l-awtoritajiet tiegħu li jieħdu miżuri diretti lejn il-protezzjoni ta' prorjetà ta' tifel li jinsab fuq it-territorju tiegħu;

(b) jirriserva d-dritt li ma jirrikonoxxix kwalunkwe responsabbiltà tal-ġenituri jew miżura sal-punt li mhuwiex kompatibbli ma' kwalunkwe miżura meħuda mill-awtoritajiet tiegħu fir-rigward ta' dik il-proprjetà.

2. Ir-riserva tista' tiġi ristretta għal ċerti kategoriji ta' proprjetà.

*Artikolu 56*

Is-Segretarju Ġenerali tal-Konferenza ta' l-Aja fuq id-Dritt Internazzjonali Privat għandu f'intervalli regolari jsejjaħ Kummissjoni Speċjali sabiex tirrevedi l-operazzjoni prattika tal-Konvenzjoni.

KAPITOLU VII

**KLAWŻOLI FINALI**

*Artikolu 57*

1. Il-Konvenzjoni għandha tinfetaħ għall-iffirmar mill-Istati li kienu Membri tal-Konferenza ta' l-Aja fuq id-Dritt Internazzjonali Privat fi żmien it-Tmintax-il Sessjoni tagħha.

2. Għandha tkun irratifikata, aċċettata jew approvata u l-istrumenti tar-ratifika, l-aċċettazzjoni jew l-approvazzjoni għandhom jiġu depożitati mal-Ministeru ta' l-Affarijiet Barranin tar-Renju ta' l-Olanda, depożitarju tal-Konvenzjoni.

*Artikolu 58*

1. Kwalunkwe Stat ieħor jista' jagħmel adeżjoni għall-Konvenzjoni wara li tkun daħlet fis-seħħ skond l-Artikolu 61, paragrafu 1.

2. L-istrument ta' adeżjoni għandu jiġi ddepożitat mall-depożitarju.

3. Din l-adeżjoni għandha jkollha effett biss għar-rigward ir-relazzjonijiet bejn l-Istat li għamel adeżjoni u dawk l-Istati Kontraenti li ma għamlux oġġezzjoni għall-adeżjoni tagħha fis-sitt xhur wara l-irċevuta tan-notifikazzjoni msemmija fl-Artikolu 63(b). Oġġezzjoni bħal din tista' ukoll tiġi mqajma minn Stati fil-ħin li jirratifikaw, jaċċettaw jew japprovaw il-Konvenzjoni wara adeżjoni. Kwalunkwe oġġezzjoni bħal din għandha tiġi nnotifikata lid-depożitarju.

*Artikolu 59*

1. Jekk Stat għandu tnejn jew aktar unitajiet territorjali ġo liema sistemi ta' liġi differenti huma applikabbli fir-rigward ta' kwistjonijiet ittrattati f'din il-Konvenzjoni, tista' fil-ħin ta' l-iffirmar, ratifika, aċċettazzjoni, approvazzjoni jew adeżjoni tiddikjara li l-Konvenzjoni għandha testendi għall-unitajiet territorjaili kollha tagħha jew biss għal waħda jew aktar minnhom u tista' timmodifika din id-dikjarazzjoni billi tagħti dikjarazzjoni oħra fi kwalunkwe ħin.

2. Kwalunkwe dikjarazzjoni bħal din għandha tiġi nnotifikata lid-depożitarju u għandha tgħid espressament l-unitajiet territorjali għal liema tapplika l-Konvenzjoni.

3. Jekk Stat ma jagħmilx dikjarazzjoni taħt dan l-Artikolu, il-Konvenzjoni għandha tiġi estiża lill-unitajiet territorjali kollha ta' dak l-Istat.

*Artikolu 60*

1. Kwlaunkwe Stat jista', mhux aktar tard mill-ħin tar-ratifika, aċċettazzjoni, approvazzjoni jew adeżjoni, jew fil-ħin li jagħmel dikjarazzjoni skond it-termini ta' l-Artikolu 59, jagħmel waħda jew iż-żewġ riżervi previsti fl-Artikolu 54(2), u l-Artikolu 55. L-ebda riżerva oħra għandha tiġi permessa.

2. Kwalunkwe Stat jista' fi kwalunkwe ħin jirtira riserva li huwa għamel. Din l-irtira għandha tiġi nnotifikata lid-depożitarju.

3. Ir-riżerva għandha tieqaf milli jkollha effett fl-ewwel ġurnata tat-tielet xahar fil-kalendarju wara n-notifikazzjoni msemmija fil-paragrafu ta' qabel dan.

*Artikolu 61*

1. Il-Konvenzjoni għandha tidħol fis-seħħ fl-ewwel ġurnata tax-xahar wara t-tmiem tat-tlett xhur ta' wara d-depożitu tat-tielet istrument ta' ratifika, aċċettazzjoni jew approvazzjoni msemmi fl-Artikolu 57.

2. Wara dan il-Konvenzjoni għandha tidħol fis-seħħ:

(a) għal kull Stat li jirratifikaha, jaċċettaha jew japprovaha sussegwentement, fl-ewwel ġurnata tax-xahar wara t-tmiem tat-tlett xhur ta' wara d-depożitu ta' l-istrument tiegħu tar-ratifika, aċċettazzjoni, approvazzjoni jew adeżjoni;

(b) għal kull Stat li jagħmel adeżjoni, fl-ewwel ġurnata tax-xahar wara t-tmiem ta' tliet xhur wara t-tmiem tal-perjodu ta' sitt xhur previst fl-Artikolu 58(3);

(ċ) għal unità territorjali lil liema l-Konvenzjoni ġiet estiża skond l-Artikolu 59, fl-ewwel ġurnata tax-xahar wara t-tmiem ta' tliet xhur wara n-notifikazzjoni msemmija f'dak l-Artikolu.

*Artikolu 62*

1. Parti Stat għall-Konvenzjoni jista' jiddenunzja għalih permezz ta' notifikazzjoni miktuba indirizzata lid-depożitarju. Id-denunzja tista' tkun limitata għal ċerti unitajiet territorjali lil liema tapplika l-Konvenzjoni.

2. Id-denunzja tieħu effett fl-ewwel ġurnata tax-xahar wara t-tmiem ta' tnax-il xahar wara li n-notifikazzjoni hi rċevuta mid-depożitarju. Fejn perjodu aktar twil biex id-denunzja tieħu effett hi speċifikata fin-notifikazzjoni, id-denunzja tieħu effett mat-tmiem ta' dan il-perjodu aktar twil.

*Artikolu 63*

Id-depożitarju għandu jinnotifika l-Istati Membri tal-Konferenza ta' l-Aja dwar id-Dritt Internazzjonali Privat u l-Istati li għamlu adeżjoni skond l-Artikolu 58 ta' dak li ġej:

(a) il-firem, ir-ratifiki, l-aċċettazzjonijiet u l-approvazzjonijiet imsemmijin fl-Artikolu 57;

(b) l-adeżjonijiet u l-oġġezzjonijiet magħmula lill-adeżjoni msemmijin fl-Artikolu 58;

(ċ) id-data meta l-Konvenzjoni tidħol fis-seħħ skond l-Artikolu 61;

(d) id-dikjarazzjonijiet imsemmijin fl-Artikolu 34(2), u l-Artikolu 59;

(e) il-ftehimiet msemmijin fl-Artikolu 39;

(f) ir-riżervi msemmijin fl-Artikolu 54(2), u l-Artikolu 55 u r-ritirati msemmijin fl- Artikolu 60(2);

(ġ) id-denunzji msemmijin fl-Artikolu 62.

B'xiehda ta' dan l'hawn taħt iffirmati, debitament awtorizzati għal dan, iffirmaw din il-Konvenzjoni.

Magħmula fl-Aja, 19 ta' Ottubru 1996, fil-lingwi Franċiża u Ingliża, it-testi ugwalment awtentiċi, f'kopja singola li għandhom ikunu ddepożitati fl-arkivji tal-Gvern tar-Renju ta' l-Olanda, u li kopja ċċertifikata għandha tintbagħat, permezz ta' kanali diplomatiċi, lil kull wieħed mill-Istati Memberi tal-Konferenza ta' l-Aja dwar id-Dritt Internazzjonali Privat fid-data tat-Tmintax-il Sessjoni tagħha.

# KUMMISSJONI

## DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

**tat-23 ta’ Mejju 2008**

**li temenda d-Deċiżjoni 2006/771/KE dwar l-armonizzazzjoni ta’ l-ispettru tar-radju għal użu ma’ tagħmir għal meded qosra (titlu mhux uffiċjali)**

*(notifikata taħt id-dokument numru C(2008) 1937)*

**(Test b’relevanza għaż-ŻEE)**

(2008/432/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni Nru 676/2002/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta’ Marzu 2002 dwar qafas regolatorju għall-politika dwar l-ispettru tar-radju fil-Komunità Ewropea (Deċiżjoni dwar l-Ispettru tar-Radju) ([1]), u partikolarment l-Artikolu 4(3) tagħha,

Billi:

(1) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/771/KE ([2]) tarmonizza l-kundizzjonijiet tekniċi ta’ tagħmir għal meded qosra.

(2) Madankollu, minħabba bidliet mgħaġġla fit-teknoloġija u t-talbiet tas-soċjetà, jistgħu jfeġġu applikazzjonijiet ġodda ta’ tagħmir għal meded qosra li jkollhom bżonn aġġornamenti regolari fil-kundizzjonijiet għall-armonizzazzjoni ta’ l-ispettru.

(3) Fil-5 ta’ Lulju 2006, il-Kummissjoni ħarġet mandat permanenti ([3]) lill-Konferenza Ewropea ta’ l-Amministrazzjonijiet Postali u tat-Telekomunikazzjonijiet (CEPT), skond l-Artikolu 4(2) tad-Deċiżjoni Nru 676/2002/KE, biex taġġorna l-Anness għad-Deċiżjoni 2006/771/KE bi tweġiba għall-iżviluppi teknoloġiċi u kummerċjali fil-qasam ta’ tagħmir għal meded qosra.

(4) Fir-rapport tagħha ([4]) ta’ Lulju 2007 mibgħut bi tweġiba għal dak il-mandat, is-CEPT tat parir lill-Kummissjoni biex temenda għadd ta’ aspetti tekniċi fl-Anness għad-Deċiżjoni 2006/771/KE.

(5) Id-Deċiżjoni 2006/771/KE għalhekk għandha tkun emendata skond dan.

(6) Tagħmir li jopera skond il-kundizzjonijiet stipulati f’din id-Deċiżjoni għandu jikkonforma wkoll mad-Direttiva 1995/5/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta’ Marzu 1999 dwar apparat ta’ radju u ta’ terminali tat-telekomunikazzjonijiet u r-rikonoxximent reċiproku tal-konformità tagħhom ([5]) sabiex l-ispettru jkun użat b’mod effikaċi li jevita interferenza li tagħmel il-ħsara, murija jew permezz ta’ lħiq ta’ standard armonizzat jew permezz ta’ ħarsien ta’ proċeduri alternattivi ta’ valutazzjoni ta’ konformità.

(7) Il-miżuri li hemm dispożizzjonijiet għalihom f’din id-Deċiżjoni huma konformi ma’ l-opinjoni tal-Kumitat dwar l-Ispettru tar-Radju.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Anness għad-Deċiżjoni 2006/771/KE jinbidel bl-Anness li jinsab ma’ din id-Deċiżjoni.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, 23 ta’ Mejju 2008.

*Għall-Kummissjoni*

Viviane REDING

*Membru tal-Kummissjoni*

([1]) ĠU L 108, 24.4.2002, p.1.
([2]) ĠU L 312, 11.11.2006, p. 66.
([3]) Mandat Permanenti għas-CEPT dwar l-aġġornament annwali ta’ l-anness tekniku għad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni dwar l-armonizzazzjoni teknika ta’ spettru tar-radju għal użu ma’ Tagħmir għal Meded Qosra. (5 ta’ Lulju 2006).
([4]) RSCOM(07) 58.
([5]) ĠU L 91, 7.4.1999, p. 10. Id-Direttiva kif emendata l-aħħar bir-Regolament (KE) Nru 1882/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 284, 31.10.2003, p. 1).

*ANNESS*

**Meded ta’ frekwenza armonizzati u parametri tekniċi ta’ tagħmir għal meded qosra**

| Tip ta’ tagħmir għal meded qosra | Medda ta’ frekwenza | Limitu tal-qawwa/limitu tas-saħħa tal-kamp/limitu tad-densità tal-qawwa (1) | Parametri addizzjonali/rekwiżiti ta’ aċċess għall-ispettru u ta’ taffija (2) | Restrizzjonijiet oħra fuq l-użu (3) | Skadenza ta’ l-implimentazzjoni |
|---|---|---|---|---|---|
| Tagħmir għal meded qosra mhux speċifik (4) | 6 765-6 795 kHz | 42 dBμA/m f’10 metri | | | 1 ta’ Ottubru 2008 |
| | 13,553-13,567 MHz | 42 dBμA/m f’10 metri | | | 1 ta’ Ottubru 2008 |
| | 26,957-27,283 MHz | 10 mW qawwa effettiva mogħtija (e.r.p.), li tikkorrispondi għal 42 dBμA/m f’10 metri | | Applikazzjonijiet ta’ vidjow huma esklużi | 1 ta’ Ġunju 2007 |
| | 40,660-40,700 MHz | 10 mW e.r.p. | | Applikazzjonijiet ta’ vidjow huma esklużi | 1 ta’ Ġunju 2007 |
| | 433,050-434,040 (5) MHz | 1 mW e.r.p.<br>– 13dBm/10 kHz densità tal-qawwa għal modulazzjoni ta’ *bandwidth* akbar minn 250 kHz | | Sinjali ta’ awdjo u vuċi, u applikazzjonijiet ta’ vidjow, huma esklużi | 1 ta’ Ottubru 2008 |
| | | 10 mW e.r.p. | Ċiklu ta’ ħidma (6): 10 % | Sinjali ta’ awdjo u vuċi, u applikazzjonijiet ta’ vidjow, huma esklużi | 1 ta’ Ġunju 2007 |
| | 434,040-434,790 (5) MHz | 1 mW e.r.p.<br>– 13dBm/10 kHz densità tal-qawwa għal modulazzjoni ta’ *bandwidth* akbar minn 250 kHz | | Sinjali ta’ awdjo u vuċi, u applikazzjonijiet ta’ vidjow, huma esklużi | 1 ta’ Ottubru 2008 |
| | | 10 mW e.r.p. | Ċiklu ta’ ħidma (6): 10 % | Sinjali ta’ awdjo u vuċi, u applikazzjonijiet ta’ vidjow, huma esklużi | 1 ta’ Ġunju 2007 |
| | | | Ċiklu ta’ ħidma (6): 100 % suġġett għal spazjar tal-kanali sa 25 kHz | Sinjali ta’ awdjo u vuċi, u applikazzjonijiet ta’ vidjow, huma esklużi | 1 ta’ Ottubru 2008 |
| | 863,000-868,000 MHz | 25 mW e.r.p. | Għandhom jiġu wżati tekniki għall-aċċess ta’ l-ispettru u biex itaffu l-interferenza li jipprovdu għall-anqas prestazzjoni ekwivalenti għat-tekniki deskritti fi standards armonizzati adottati skond id-Direttiva 1999/5/KE. Alternattivament jista’ jintuża wkoll ċiklu ta’ ħidma (6) ta’ 0.1 % | Sinjali ta’ awdjo u vuċi, u applikazzjonijiet ta’ vidjow, huma esklużi | 1 ta’ Ottubru 2008 |

| Tip ta' tagħmir għal meded qosra | Medda ta' frekwenza | Limitu tal-qawwa/limitu tas-saħħa tal-kamp/limitu tad-densità tal-qawwa (1) | Parametri addizzjonali/rekwiżiti ta' aċċess għall-ispettru u ta' taffija (2) | Restrizzjonijiet oħra fuq l-użu (3) | Skadenza ta' l-implimentazzjoni |
|---|---|---|---|---|---|
| Tagħmir għal meded qosra mhux speċifik (4) (*ikompli*) | 868,000-868,600 (5) MHz | 25 mW e.r.p. | Għandhom jiġu wżati tekniki għall-aċċess ta' l-ispettru u biex itaffu l-interferenza li jipprovdu għall-anqas prestazzjoni ekwivalenti għat-tekniki deskritti fi standards armonizzati adottati skond id-Direttiva 1999/5/KE. Alternattivament jista' jintuża wkoll ċiklu ta' ħidma (6) ta' 1 % | Applikazzjonijiet ta' vidjow huma esklużi | 1 ta' Ottubru 2008 |
| | | 25 mW e.r.p. | Għandhom jiġu wżati tekniki għall-aċċess ta' l-ispettru u biex itaffu l-interferenza li jipprovdu għall-anqas prestazzjoni ekwivalenti għat-tekniki deskritti fi standards armonizzati adottati skond id-Direttiva 1999/5/KE. Alternattivament jista' jintuża wkoll ċiklu ta' ħidma (6) ta' 0.1 % | Sinjali ta' awdjo u vuċi, u applikazzjonijiet ta' vidjow, huma esklużi | 1 ta' Ottubru 2008 |
| | 868,700-869,200 (5) MHz | 25 mW e.r.p. | Għandhom jiġu wżati tekniki għall-aċċess ta' l-ispettru u biex itaffu l-interferenza li jipprovdu għall-anqas prestazzjoni ekwivalenti għat-tekniki deskritti fi standards armonizzati adottati skond id-Direttiva 1999/5/KE. Alternattivament jista' jintuża wkoll ċiklu ta' ħidma (6) ta' 0.1 % | Applikazzjonijiet ta' vidjow huma esklużi | 1 ta' Ottubru 2008 |
| | | 25 mW e.r.p. | Għandhom jiġu wżati tekniki għall-aċċess ta' l-ispettru u biex itaffu l-interferenza li jipprovdu għall-anqas prestazzjoni ekwivalenti għat-tekniki deskritti fi standards armonizzati adottati skond id-Direttiva 1999/5/KE. Alternattivament jista' jintuża wkoll ċiklu ta' ħidma (6) ta' 0.1 % | Sinjali ta' awdjo u vuċi, u applikazzjonijiet ta' vidjow, huma esklużi | 1 ta' Ottubru 2008 |
| | 869,400-869,650 (5) MHz | 500 mW e.r.p. | Għandhom jiġu wżati tekniki għall-aċċess ta' l-ispettru u biex itaffu l-interferenza li jipprovdu għall-anqas prestazzjoni ekwivalenti għat-tekniki deskritti fi standards armonizzati adottati skond id-Direttiva 1999/5/KE. Alternattivament jista' jintuża wkoll ċiklu ta' ħidma (6) ta' 10 %<br>L-ispazjar tal-kanali għandu jkun 25 kHz, ħlief li l-medda ta' frekwenza kollha tista' wkoll tintuza bħala kanal wieħed biss għat-trażmissjoni ta' dejta b'veloċità għolja | Applikazzjonijiet ta' vidjow huma esklużi | 1 ta' Ottubru 2008 |

| Tip ta' tagħmir għal meded qosra | Medda ta' frekwenza | Limitu tal-qawwa/limitu tas-saħħa tal-kamp/limitu tad-densità tal-qawwa (1) | Parametri addizzjonali/rekwiżiti ta' aċċess għall-ispettru u ta' taffija (2) | Restrizzjonijiet oħra fuq l-użu (3) | Skadenza ta' l-implimentazzjoni |
|---|---|---|---|---|---|
| Tagħmir għal meded qosra mhux speċifik (4) *(ikompli)* | | 25 mW e.r.p. | Għandhom jiġu wżati tekniki għall-aċċess ta' l-ispettru u biex itaffu l-interferenza li jipprovdu għall-anqas prestazzjoni ekwivalenti għat-tekniki deskritti fi standards armonizzati adottati skond id-Direttiva 1999/5/KE. Alternattivament jista' jintuża wkoll ċiklu ta' ħidma (6) ta' 0.1 % | Sinjali ta' awdjo u vuċi, u applikazzjonijiet ta' vidjow, huma esklużi | 1 ta' Ottubru 2008 |
| | 869,700-870,000 (5) MHz | 5 mW e.r.p. | Applikazzjonijiet ta' vuċi huma permessi b'tekniki avvanzati ta' taffija | Applikazzjonijiet ta' awdjo u vidjow huma esklużi | 1 ta' Ġunju 2007 |
| | | 25 mW e.r.p. | Għandhom jiġu wżati tekniki għall-aċċess ta' l-ispettru u biex itaffu l-interferenza li jipprovdu għall-anqas prestazzjoni ekwivalenti għat-tekniki deskritti fi standards armonizzati adottati skond id-Direttiva 1999/5/KE. Alternattivament jista' jintuża wkoll ċiklu ta' ħidma (6) ta' 0.1 % | Sinjali ta' awdjo u vuċi, u applikazzjonijiet ta' vidjow, huma esklużi | 1 ta' Ottubru 2008 |
| | 2 400-2 483,5 MHz | 10 mW qawwa isotropika mogħtija ekwivalenti (e.i.r.p.) | | | 1 ta' Ġunju 2007 |
| | 5 725-5 875 MHz | 25 mW e.i.r.p. | | | 1 ta' Ġunju 2007 |
| | 24,150-24,250 GHz | 100 mW e.i.r.p. | | | 1 ta' Ottubru 2008 |
| | 61,0-61,5 GHz | 100 mW e.i.r.p. | | | 1 ta' Ottubru 2008 |
| Sistemi ta' allarm | 868,600-868,700 MHz | 10 mW e.r.p. | Spazjar ta' kanali: 25 kHz<br>Il-medda kollha ta' frekwenza tista' tintuża wkoll bħala kanal wieħed biss għat-trażmissjoni ta' dejta b'veloċità għolja<br>Ċiklu ta' ħidma (6): 1,0 % | | 1 ta' Ottubru 2008 |
| | 869,250-869,300 MHz | 10 mW e.r.p. | Spazjar ta' kanali: 25 kHz<br>Ċiklu ta' ħidma (6): 0,1 % | | 1 ta' Ġunju 2007 |
| | 869,300-869,400 MHz | 10 mW e.r.p. | Spazjar ta' kanali: 25 kHz<br>Ċiklu ta' ħidma (6): 1,0 % | | 1 ta' Ottubru 2008 |
| | 869,650-869,700 MHz | 25 mW e.r.p. | Spazjar ta' kanali: 25 kHz<br>Ċiklu ta' ħidma (6): 10 % | | 1 ta' Ġunju 2007 |
| Allarmi soċjali (7) | 869,200-869,250 MHz | 10 mW e.r.p. | Spazjar ta' kanali: 25 kHz<br>Ċiklu ta' ħidma (6): 0,1 % | | 1 ta' Ġunju 2007 |

| Tip ta' tagħmir għal meded qosra | Medda ta' frekwenza | Limitu tal-qawwa/limitu tas-saħħa tal-kamp/limitu tad-densità tal-qawwa (1) | Parametri addizzjonali/rekwiżiti ta' aċċess għall-ispettru u ta' taffija (2) | Restrizzjonijiet oħra fuq l-użu (3) | Skadenza ta' l-implimentazzjoni |
|---|---|---|---|---|---|
| Applikazzjonijiet induttivi (8) | 20,050-59,750 kHz | 72 dBμA/m f'10 metri | | | 1 ta' Ġunju 2007 |
| | 59,750-60,250 kHz | 42 dBμA/m f'10 metri | | | 1 ta' Ġunju 2007 |
| | 60,250-70,000 kHz | 69 dBμA/m f'10 metri | | | 1 ta' Ġunju 2007 |
| | 70-119 kHz | 42 dBμA/m f'10 metri | | | 1 ta' Ġunju 2007 |
| | 119-127 kHz | 66 dBμA/m f'10 metri | | | 1 ta' Ġunju 2007 |
| | 127-140 kHz | 42 dBμA/m f'10 metri | | | 1 ta' Ottubru 2008 |
| | 140-148,5 kHz | 37.7 dBμA/m f'10 metri | | | 1 ta' Ottubru 2008 |
| | 148,5-5 000 kHz<br>Fil-meded ta' frekwenza speċifiċi msemmija hawn taħt, japplikaw saħħa tal-kamp ogħla u restrizzjonijiet addizzjonali għall-użu | – 15 dBμA/m f'10 metri fi kwalunkwe bandwidth ta' 10 kHz<br>Barra minn hekk is-saħħa totali tal-kamp hija -5 dBμA/m f'10 m għal sistemi li joperaw f'*bandwidths* akbar minn 10 kHz | | | 1 ta' Ottubru 2008 |
| | 400-600 kHz | – 8 dBμA/m f'10 metri | | Hija permessa biss l-applikazzjoni RFID (9) | 1 ta' Ottubru 2008 |
| | 3 155-3 400 kHz | 13.5 dBμA/m f'10 metri | | | 1 ta' Ottubru 2008 |
| | 5 000-30 000 kHz<br>Fil-meded ta' frekwenzi speċifiċi msemmija hawn taħt, japplikaw saħħa tal-kamp ogħla u restrizzjonijiet addizzjonali għall-użu: | – 20 dBμA/m f'10 metri fi kwalunkwe bandwidth ta' 10 kHz<br>Barra minn hekk is-saħħa totali tal-kamp hija – 5 dBμA/m f'10 m għal sistemi li joperaw f'*bandwidths* akbar minn 10 kHz | | | 1 ta' Ottubru 2008 |
| | 6 765-6 795 kHz | 42 dBμA/m f'10 metri | | | 1 ta' Ġunju 2007 |
| | 7 400-8 800 kHz | 9 dBμA/m f'10 metri | | | 1 ta' Ottubru 2008 |
| | 10 200-11 000 kHz | 9 dBμA/m f'10 metri | | | 1 ta' Ottubru 2008 |
| | 13 553-13 567 kHz | 42 dBμA/m f'10 metri | | | 1 ta' Ġunju 2007 |
| | | 60 dBμA/m f'10 metri | | Huma permessi biss l-applikazzjonijiet RFID (9) u EAS (10) | 1 ta' Ottubru 2008 |
| | 26 957-27 283 kHz | 42 dBμA/m f'10 metri | | | 1 ta' Ottubru 2008 |

| Tip ta' tagħmir għal meded qosra | Medda ta' frekwenza | Limitu tal-qawwa/limitu tas-saħħa tal-kamp/limitu tad-densità tal-qawwa (1) | Parametri addizzjonali/rekwiżiti ta' aċċess għall-ispettru u ta' taffija (2) | Restrizzjonijiet oħra fuq l-użu (3) | Skadenza ta' l-implimentazzjoni |
|---|---|---|---|---|---|
| Implantazzjonijiet Mediċi Attivi (11) | 9-315 kHz | 30 dBμA/m f'10m | Ċiklu ta' ħidma (6): 10 % | | 1 ta' Ottubru 2008 |
| | 402-405 MHz | 25 μW e.r.p. | Spazjar ta' kanali: 25 kHz<br>Restrizzjoni oħra fuq tqassim ta' kanali: trażmettituri individwali jistgħu jgħaqqdu kanali ma' ġenbhom għal bandwidth usa' b'tekniki ta' taffija avvanzati li jipprovdu għall-anqas prestazzjoni ekwivalenti għat-tekniki deskritti fi standards armonizzati adottati skond id-Direttiva 1999/5/KE | | 1 ta' Ottubru 2008 |
| Applikazzjonijiet awdjo bla *wires* (12) | 87,5-108,0 MHz | 50 nW e.r.p. | L-ispazjar ta' kanali sa 200 kHz | | 1 ta' Ottubru 2008 |
| | 863-865 MHz | 10 mW e.r.p. | | | 1 ta' Ġunju 2007 |

(1) L-Istati Membri għandhom jippermettu l-użu ta' spettru sal-qawwa, saħħa tal-kamp jew densità tal-qawwa mogħtija f'din it-tabella. B'konformità ma' l-Artikolu 3(3) tad-Deċiżjoni 2006/771/KE, jistgħu jimponu kundizzjonijiet inqas ristrettivi, jiġifieri jippermettu l-użu ta' spettru b'qawwa, saħħa tal-kamp jew densità tal-qawwa ogħla.

(2) L-Istati Membri jistgħu jimponu wkoll dawn il-'parametri addizzjonali / rekwiżiti ta' aċċess għall-ispettru u ta' taffija', u ma jistgħux iżidu parametri oħra jew rekwiżiti ta' aċċess għall-ispettru u ta' taffija. Kundizzjonijiet anqas ristrettivi fi ħdan it-tifsira ta' l-Artikolu 3(3) tad-Deċiżjoni 2006/771/KE jfissru li l-Istati Membri jistgħu jħallu barra għal kollox il-parametri / rekwiżiti ta' aċċess għall-ispettru u ta' taffija f'kaxxa tat-tabella waħda jew jippermettu valuri ogħla.

(3) L-Istati Membri jistgħu jimponu biss dawn ir-"restrizzjonijiet oħra fuq l-użu", u ma jistgħux iżidu restrizzjonijiet addizzjonali fuq l-użu. Billi jistgħu jiġu introdotti kundizzjonijiet anqas ristrettivi fi ħdan it-tifsira ta' l-Artikolu 3(3) tad-Deċiżjoni 2006/771/KE, l-Istati Membri jistgħu jħallu barra restrizzjoni waħda jew dawn ir-restrizzjonijiet kollha.

(4) Din il-kategorija hija disponibbli għal kwalunkwe tip ta' applikazzjoni li tilħaq il-kundizzjonijiet tekniċi (użi tipiċi huma telemetrija, telekmnand, allarmi, dejta in ġenerali u applikazzjoni simili oħra).

(5) Għal din il-medda ta' frekwenza l-Istati Membri għandhom jagħmlu s-serje ta' kundizzjonijiet għall-użu alternattivi kollha possibbli

(6) "Ċiklu ta' ħidma" jfisser il-proporzjon ta' ħin matul kwalunkwe perjodu ta' siegħa meta l-apparat qed jittrażmetti b'mod attiv. Kundizzjonijiet anqas ristrettivi fi ħdan it-tifsira ta' l-Artikolu 3(3) tad-Deċiżjoni 2006/771/KE jfissru li l-Istati Membri jistgħu jippermettu valur ogħla għaċ-"Ċiklu ta' ħidma".

(7) Tagħmir ta' allarmi soċjali jintużaw biex jgħinu nies anzjani jew b'inkapaċità meta jkunu f'periklu.

(8) Din il-kategorija tkopri, pereżempju, tagħmir biex il-karozzi ma jitħarkux, identifikazzjoni ta' annimali, sistemi ta' allarmi, detezzjoni ta' cable, ġestjoni ta' skart, identifikazzjoni personali, konnessjonijiet tal-vuċi bla wires, kontroll ta' aċċess, sensuri ta' prossimità, sistemi kontra s-serq, inkluż sistemi RF induttivi kontra s-serq, trasferiment ta' dejta għal tagħmir li jinżamm fl-idejn, identifikazzjoni awtomatika ta' oġġetti, sistemi ta' kontroll bla wires u nollijiet tat-toroq awtomatiċi.

(9) Din il-kategorija tkopri applikazzjonijiet induttivi wżati għall-Identifikazzjoni bil-Frekwenzi tar-Radju (RFID).

(10) Din il-kategorija tkopri applikazzjonijiet induttivi wżati għas-Sorveljanza Elettronika ta' Oġġetti (EAS).

(11) Din il-kategorija tkopri l-parti tar-radju ta' tagħmir implantabbli mediku attiv, kif definit fid-Direttiva tal-Kunsill 90/385/KEE ta' l-20 ta' Ġunju 1990 dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri rigward il-mezzi mediċi attivi li jiddaħħlu f'xi parti tal-ġisem u periferali oħrajn (ĠU L 189, 20.7.1990, p. 17).

(12) Applikazzjonijiet għal sistemi ta' awdjo bla wires, inkluż: lawdspijkers bla wires; *headphones* bla wires; headphones bla wires biex jinġarru, bħal CD, casette jew tagħmir tar-radju li jinġarru fuq persuna; *headphones* bla wire għall-użu f'vettura, pereżempju għall-użu ma' radju jew mowbajl, eċċ.; tagħmir ta' monitoraġġ li jiddaħħal fil-widna, għall-użu f'kunċerti u produzzjonijiet oħra tal-palk.

# DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

## ta’ l-10 ta’ Ġunju 2008

## li timponi kundizzjonijiet speċjali li jirregolaw l-importazzjoni ta’ żejt tal-ġirasol li joriġina jew li jiġi kkunsinjat mill-Ukraina minħabba riskji ta’ kontaminazzjoni miż-żejt minerali

*(notifikata taħt id-dokument numru C(2008) 2709)*

**(Test b’relevanza għaż-ŻEE)**

(2008/433/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta’ Jannar 2002 li jistabbilixxi l-prinċipji ġenerali u l-ħtiġijiet tal-liġi dwar l-ikel, li jistabbilixxi l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel u li jistabbilixxi l-proċeduri fi kwistjonijiet ta’ sigurtà ta’ l-ikel ([1]), u b’mod partikolari l-Artikolu 53 (2), it-tieni sottoparagrafu, tiegħu,

Billi:

(1) Is-Sistema ta’ Twissija Rapida għall-Ikel u l-Għalf (RASFF) ġiet innotifikata fit-23 ta’ April 2008 li ż-żejt tal-ġirasol li joriġina mill-Ukraina nstab li huwa kkontaminat b’livelli għolja ta’ żejt minerali. Din il-kontaminazzjoni minn żejt minerali aktar tard ġiet ikkonfermata f’diversi kunsinji ta’ żejt tal-ġirasol mhux raffinat li joriġina mill-Ukraina li ġew importati matul dawn l-aħħar xhur fil-Komunità. Żejt tal-ġirasol li fih livelli għolja ta’ żejt minerali mhuwiex tajjeb għall-konsum mill-bniedem u għalhekk jitqies li mhuwiex sigur. Is-sors ta’ kontaminazzjoni għadu mhux magħruf.

(2) Il-Kummissjoni Ewropea ħeġġet ripetutament lill-awtoritajiet Ukraini biex jipprovdu tagħrif dwar l-oriġini tal-kontaminazzjoni u dwar il-miżuri meħuda għall-prevenzjoni tagħha fil-futur. Intalbu wkoll assigurazzjonijiet mill-awtoritajiet Ukraini fir-rigward tat-twaqqif ta’ miżuri effettivi maħsuba biex jiggarantixxu t-teħid ta’ kampjuni u l-analiżi xierqa tal-preżenza ta’ żejt minerali f’kunsinji ta’ żejt tal-ġirasol li jitilqu mill-Ukraina b’destinazzjoni l-Komunità Ewropea.

(3) Fl-Ukraina għadhom għaddejjin investigazzjonijiet maħsuba biex jidentifikaw is-sors ta’ kontaminazzjoni. L-awtoritajiet Ukraini huma wkoll impenjati li jistabbilixxu sistema ta’ kontroll xierqa li se tiżgura li l-kunsinji kollha ta’ żejt tal-ġirasol li jridu jiġu esportati lejn l-Unjoni Ewropea jiġu ċċertifikati li ma fihomx livelli ta’ żejt minerali li jagħmlu ż-żejt tal-ġirasol ħażin għall-konsum mill-bniedem. Madankollu, id-dettalji ta’ din is-sistema ta’ kontroll għad iridu jingħataw lill-Kummissjoni. Il-Kummissjoni għandha tevalwa s-sistema ta’ kontroll u ċertifikazzjoni sabiex tivverifika l-preċiżjoni u l-affidabilità biex tiggarantixxi li ż-żejt tal-ġirasol esportat lejn il-Komunità ma fihx livelli ta’ żejt minerali, li jagħmlu ż-żejt tal-ġirasol ħażin għall-konsum mill-bniedem. Għandu jiġi żgurat li mhi se ssir l-ebda esportazzjoni ta’ żejt tal-ġirasol lejn il-Komunità sakemm tidħol fis-seħħ din is-sistema ta’ kontroll u ċertifikazzjoni kif ukoll tiġi evalwata u aċċettata mill-Kummissjoni. L-evalwazzjoni tas-sistema ta’ kontroll u ċertifikazzjoni se titwettaq fuq il-bażi ta’ tagħrif dettaljat mogħti mill-awtoritajiet Ukraini.

(4) Wara talba mill-Kummissjoni Ewropea għal evalwazzjoni tar-riskji relatati mal-kontaminazzjoni ta’ żejt tal-ġirasol minn żejt minerali, l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (EFSA) ippubblikat stqarrija dwar il-kontaminazzjoni ta’ żejt tal-ġirasol b’żejt minerali esportat mill-Ukraina. L-istqarrija tirreferi għall-evalwazzjonijiet imwettqa mill-Kumitat Konġunt ta’ Esperti FAO/WHO dwar l-Addittivi fl-Ikel (JECFA) li jindikaw il-livelli differenti ta’ tossiċità skond it-tip ta’ żejt minerali. L-EFSA kkonkludiet li d-*data* analitika disponibbli għaż-żejt tal-ġirasol kontaminat mill-Ukraina tindika li ż-żejt minerali preżenti kien ta’ viskożità għolja. Skond l-istimi ta’ esponiment, l-EFSA kkonkludiet li l-esponiment għal żejt tal-ġirasol kontaminat minn żejt minerali ta’ viskożità għolja, anke jekk mhux mixtieq għall-konsum mill-bniedem, ma jkunx ta’ riskju għas-saħħa pubblika f’dan il-każ. Minħabba li s-sors ta’ kontaminazzjoni għad ma ġiex identifikat b’ċertezza, teżisti l-preżunzjoni ta’ riskju marbut mal-preżenza ta’ livelli għolja u mhux aċċettabbli ta’ żejt minerali f’żejt tal-ġirasol.

(5) Meta jitqies il-livell ta’ riskju, anke ladarba s-sistemi ta’ kontroll u ċertifikazzjoni jiġu aċċettati mill-Kummissjoni, l-Istati Membri għandhom jikkontrollaw il-kunsinji ta’ żejt tal-ġirasol sabiex jivverifikaw li dawn il-kunsinji fihom livell ta’ żejt minerali konformi ma’ dak li huwa ddikjarat fuq iċ-ċertifikat. Din is-sistema ta’ kontroll doppju hija meħtieġa u ġġustifikata sabiex jingħataw garanziji addizzjonali għall-preċiżjoni u l-affidabilità tas-sistema ta’ kontroll u ċertifikazzjoni stabbilita mill-awtoritajiet Ukraini. L-ispejjeż imġarrba biex jitwettqu dawn il-kontrolli għandhom jinġarru mill-operaturi responsabbli mill-importazzjoni. L-Istati Membri jgħarrfu lill-Kummissjoni b’riżultati mhux favorevoli permezz tas-Sistema Rapida ta’ Twissija għall-Ikel u l-Għalf. Ir-riżultati favorevoli għandhom jiġu rrappurtati lill-Kummissjoni kull ett xhur. Dan l-obbligu ta’ tagħrif huwa meħtieġ biex il-miżuri jiġu evalwati mill-ġdid.

([1]) ĠU L 31, 1.2.2002, p. 1. Ir-Regolament kif emendat l-aħħar mir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 202/2008 (ĠU L 60, 5.3.2008, p. 17).

(6) L-Artikolu 53 tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 jipprevedi l-possibbiltà li jiġu adottati miżuri ta' emerġenza Komunitarji xierqa għal ikel u għalf importati minn pajjiż terz biex tkun imħarsa s-saħħa tal-bniedem, is-saħħa ta' l-annimali jew l-ambjent, meta r-riskju ma jistax jiġi kkontrollat b'mod sodisfaċenti permezz ta' miżuri li jittieħdu mill-Istati Membri individwali.

(7) Sakemm tiġi evalwata u aċċettata s-sistema ta' kontroll u ċertifikazzjoni li trid tiġi stabbilita mill-awtoritajiet Ukraini, ma għandha ssir l-ebda importazzjoni ta' żejt tal-ġirasol li joriġina jew li jiġi kkunsinjat mill-Ukraina minħabba r-riskju ta' kontaminazzjoni biż-żejt minerali.

(8) L-Istati Membri ġew mgħarrfa bl-inċident ta' kontaminazzjoni u ħadu l-miżuri xierqa biex jirtiraw iż-żejt tal-ġirasol kontaminat u l-prodotti ta' l-ikel li fihom żejt tal-ġirasol kontaminat li diġà tqiegħdu fis-suq, kif hu rrakkomandat mill-Kummissjoni Ewropea permezz tar-RASFF.

(9) Minħabba l-urġenza, fl-istennija tal-laqgħa tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali, u wara li ġew mgħarrfa l-awtoritajiet ta' l-Ukraina, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni 2008/388/KE fit-23 ta' Mejju 2008 li timponi kundizzjonijiet speċjali li jirregolaw l-importazzjoni ta' żejt tal-ġirasol li joriġina jew li jiġi kkunsinjat mill-Ukraina minħabba riskji ta' kontaminazzjoni miż-żejt minerali ([1]), skond il-proċedura stipulata fl-Artikolu 53(2), l-ewwel sottoparagrafu tar-Regolament (KE) Nru 178/2002.

(10) Dawn il-miżuri għandhom jiġu kkonfermati u emendati b'rigward l-ispejjeż tal-kontrolli, imwettqa mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istat Membri.

(11) Huwa għalhekk xieraq li l-Deċiżjoni 2008/388/KE tiġi revokata u mibdula.

(12) Il-miżuri stipulati f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

1. L-Istati Membri għandhom jipprojbixxu l-importazzjoni ta' żejt tal-ġirasol, li jaqa' fi ħdan il-kodiċi NM 1512 11 91 jew 1512 19 90 10, li joriġina jew jiġi kkunsinjat mill-Ukraina (minn hawn 'il quddiem iż-żejt tal-ġirasol), sakemm il-kunsinja ta' żejt tal-ġirasol ma tkunx akkumpanjata b'ċertifikat validu, li jiċċertifika n-nuqqas ta' livelli mhux aċċettabbli ta' żejt minerali u r-riżultati tat-teħid ta' kampjuni u ta' l-analiżi għall-preżenza ta' żejt minerali.

2. Iċ-ċertifikat previst fil-paragrafu 1 għandu jkun validu biss għal importazzjonijiet ta' kunsinji ta' żejt tal-ġirasol fil-Komunità jekk it-teħid ta' kampjuni u l-analiżi tal-kunsinja u l-ħruġ taċ-ċertifikat ikunu saru wara li l-Kummissjoni Ewropea tkun evalwat u aċċettat formalment is-sistema ta' kontroll u ċertifikazzjoni stabbilita mill-awtoritajiet Ukraini.

3. L-Istati Membri se jkunu mgħarrfa bid-dettalji tas-sistema ta' kontroll u ċertifikazzjoni stabbilita mill-awtoritajiet Ukraini u bl-aċċettazzjoni formali tagħha mill-Kummissjoni permezz tal-Kumitat Permanenti dwar il-Katina Alimentari u s-Saħħa ta' l-Annimali.

4. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri xierqa biex jieħdu kampjuni ta' u janalizzaw kull kunsinja ta' żejt tal-ġirasol li toriġina jew tiġi kkunsinjata mill-Ukraina, akkumpanjata b'ċertifikat validu, ippreżentata għall-importazzjoni biex jiżguraw li l-kunsinji fihom livell ta' żejt minerali konformi ma' dak li huwa ddikjarat fiċ-ċertifikat.

Huma għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni b'riżultati mhux favorevoli permezz tas-Sistema Rapida ta' Twissija għall-Ikel u l-Għalf. Ir-riżultati favorevoli għandhom jiġu rrappurtati lill-Kummissjoni kull tliet xhur.

5. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa sabiex jiżguraw li ż-żejt tal-ġirasol li joriġina jew jiġi kkunsinjat mill-Ukraina li mhux konformi mad-dispożizzjonijiet ta' din id-Deċiżjoni ma jitqegħidx fis-suq għal użu għall-għalf jew għall-ikel.

6. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-ispejjeż imġarrba fl-implimentazzjoni tal-punti 4 u 5 jinġarru mill-operaturi responsabbli mill-importazzjoni.

*Artikolu 2*

Id-Deċiżjoni 2008/388/KE hija rrevokata.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, 10 ta' Ġunju 2008.

*Għall-Kummissjoni*
Androulla VASSILIOU
*Membru tal-Kummissjoni*

---

([1]) ĠU L 136, 24.5.2008, p. 43.